
oreste calleja
Ċens
Perpetwu
Dramm
f'żewġ atti

# ORESTE CALLEJA

# ĊENS PERPETWU

*Dramm f'żewġ atti*

Lil Malta

Pubblikazzjoni
www.orestecalleja.com

Oreste Calleja © 2014

**PERSUNAĠĠI**

FREDU

FONZU

ROŻA

IX-XIĦ

ŻAGĦŻUGĦ

TFAJLA

IT-TIFEL

IL-KAPPILAN

ĠIRIEN

*Fil-verżjoni li nħadmet fuq*
*il-MALTA TELEVISION SERVICE*
*fit-12 ta' Mejju 1971,*
*ħadu sehem fil-partijiet prinċipali dawn l-atturi:*

| | |
|---|---|
| FREDU | *Mario Philip Azzopardi* |
| FONZU | *Joe Zammit Cordina* |
| ROŻA | *Vitorin Galea* |
| IX-XIĦ | *John Dougal* |
| OSSY | *George Attard* |
| KATHY | *Josette Said* |
| GUŻI | *Lino Grech* |
| TIFEL | *Henry Zammit Cordina* |
| KAPPILLAN | *Paul Mizzi* |

PRODUZZJONI: *Charles Abela Mizzi*

# ĊENS PERPETWU

## 1 ATT

### 1 XENA

*Fiċ-ċimiterju.*

*Qed jidlam; taqtir tax-xita.*

*FREDU, ġuvni ta' xi ħamsa u għoxrin sena, liebes libsa skura u mkedda sew, ingravata sewda u faxxa tal-vistu mal-komma tal-ġlekk jinsab bilwieqfa ħdejn qabar sempliċi, b'kuruna zgħira tal-margeriti fuqu.*

*Il-kappillan u l-abbatini jidhru jitbiegħdu mgħaġġlin.*

*Fuq l-oqbra għad baqa' xi żewġ nisa xjuħ jitolbu.*

*FREDU joħroġ miċ-ċimiterju.*

*Hu u ħiereġ rasu mgħaddsa lejn l-art ħarstu taqa' fuq warda friska f'nofs il-mogħdija. Jitbaxxa, jiġborha u jibqa' jħares lejha.*

*Meta jgħolli ħarstu jsib li jinsab quddiem il-monument tas-"Sette Giugno".*

*Id-dehra tal-monument titħallat mar-ritratt tal-istess monument li hemm fil-kamra tal-kerrejja.*

## 2 XENA

*Fil-kamra tal-kerrejja.*

*Dalam sewwa.*

*Il-kamra hi mdaqqsa iżda fqira; tintuża bħala kamra tal-ikel, kamra tas-sodda u kċina - il-ħitan tal-ġebel kważi għeri, it-tibjid imqaxxar għal kollox - l-art madum imfarrak maħmuġ. Fuq ix-xellug hemm indana mill-iċken u l-bieb ta' barra li jinfetaħ fuq is-setaħ u t-taraġ tal-kerrejja.*

*Imdendla fuq ġewwa mal-bieb hemm għonnella. Fuq ħajt tal-kamra hemm tieqa fil-għoli u minnha jidher il-ħajt sfieq tal-bini tal-faċċata jagħlaq kull dawl minn barra.*

*Għalkemm hemm bosta imbarazz, l-għamara fil-kamra hi mill-anqas: sodda żlugata tal-ħadid f'rokna, b'kaxxa tal-birra taħt il-ġenb ta' ġewwa żżommha biex ma' taqax; mejda miksija bil-linoljum imtebba' u mċarrat, gwardarobba antika u għolja ħdejha. Rokna oħra tal-kamra hi maqtugħa għaliha b'puttiera skulurita li tiġġerra fuq kanna tal-ħadid - il-kċina, b'fuklar żgħir b'xi spiritiera tal-pitrolju, borma u bott tal-landa.*

*Ma' ġenb il-fuklar, lavaman bi friskatur taħt vit iqattar ħdejn xkupa u barmil. Imqassmin mal-ħitan, mera u xi nofs tużżana inkwatri bl-istampi suwed, ma tafx x'kienu juru - għajr inkwatru mdaqqas tal-Madonna li hemm ħdejn is-sodda, b'taħtu xkaffa, b'fuqha tarf ta' xemgħa moħlija u żewġ vażetti b'ilma maħmuġ u fjuri nexfin.*

*Meta tibda x-XENA, l-ewwel ma tidher hija l-pultruna b'dahar għoli li tinsab biswit il-bieb ta' barra.*

*Mitluq fuqha IX-XIĦ, mirdum taħt kowtijiet u gvieret qodma li jostruh sa nofs sidru fejn hemm ileqqu xi nofs tużżana midalji.*

*Wiċċ ix-XIĦ mgħaddam u nofsu moħbi wara nuċċali kbir tax-xemx.*

*Fuq dirgħajn il-pultruna jixirfu mitluqin bla ħajja s-swaba bojod u nexfin ta' idejn lix-XIĦ.*

*Ebda sinjal ta' ħajja mix-XIĦ - għajr qalbu tħabbat - taħbita li tidwi mal-kamra kollha, titħallat mal-ħoss ta' vit iqattar u kultant xi żarżira ta' ħorn ta' karozza minn barra t-triq.*

*Ma' ġenb il-pultruna tax-XIĦ hemm oħra battala, xall iswed fuqha.*

*Bejn iż-żewġ pultruni tinsab gradenza żgħira, fuqha żewġ gwamiċi, wieħed b'ritratt meħud xi ħamsin sena qabel u juri lix-XIĦ u martu f'jum it-tieġ; l-ieħor ftit akbar, b'ritratt tal-monument tas-"Sette Giugno"; quddiemu peprina ħamra tal-karti ġo vażetti tal-ġamm.*

*Il-bieb ta' barra jinfetaħ. Imwaħħal fuqu minn barra hemm faxxa sewda tal-vistu.*

*Jidħlu ROŻA u T-TIFEL.*

*ROŻA, mara ta' xi erbgħin sena, liebsa libsa sewda u sempliċi, karkur f'saqajha ħafjin, xagħarha miġbud lura f'toppu mberfel. F'id waħda għandha ġewlaq kbir u basket taċ-ċarruta; IT-TIFEL, li għandu xi seba' snin, mgħobbi wkoll bil-basktijiet.*

*ROŻA ssakkar il-bieb bil-firroll u tersaq lejn il-mejda biex tixgħel il-lampa tal-pitrolju, iżda waqt li qiegħda tnaddaf il-ftila tieqaf ħesrem tissemma'.*

*Jidwi mal-kamra l-ħoss ta' qalb tħabbat.*

*ROŻA tħares fiss lejn IX-XIĦ fil-pultruna, donnha tintebaħ bih għall-ewwel darba.*

TIFEL *(iħares lejn IX-XIĦ):* Ma, in-Nannu.

*IT-TIFEL jagħmel biex jersaq lejh.*

ROŻA: Oqgħod hawn! Moħħok hemm int. *(Turi lejn il-bieb.)*

*ROŻA tibqa' tħares ċassa lejn IX-XIĦ għal ftit, imbagħad ixxengel spallejha, iddur u tibda xogħolha donnu m'hemm ħadd fil-kamra.*

*Bil-basktijiet u T-TIFEL magħha tersaq lejn il-gwardarobba, tiftaħha u tibda tqalleb il-ħwejjeġ tan-nisa qodma u użati sew li hemm ġo fiha.*

*Għall-bidu taqbadhom waħda waħda u tippruvahom fuq sidirha donnha biex tara jiġuhiex u kultant titfa' xi waħda fil-ġewlaq. Wara ftit iżda ma tkompli tqis xejn u titfa' kollox bl-addoċċ fil-basktijiet.*

*Meta tlesti ddur għall-kxaxen u tqalleb fihom. Issibhom mimlijin imbarazz, karti sofor donnhom kontijiet, xi portmoni qadim, imrewħa kbira sewda, ktieb tal-knisja oħxon, kuruna tar-Rużarju b'boċċi kbar.*

*ROŻA tixħet kollox fil-basktijiet li T-TIFEL iżommilha miftuħin.*

## 3 XENA

*It-tromba tat-taraġ tal-kerrejja f'nofs dalma.*

*FREDU jidħol minn barra.*

*Jibda tiela' t-taraġ dejjaq - jitla' bil-mod, passi tqal u għajjenin.*

## 4 XENA

*Il-kamra fil-kerrejja.*

*ROŻA ssib kaxxa tal-landi li darba kienet tal-gallettini u tisma' xi ħaġa ċċekċek ġo fiha.*

*ROŻA tmur mal-mejda bil-kaxxa f'idejha, tissara biex tipprova tiftaħ l-għatu ssikkat. Fl-aħħar dan jinfetaħ f'daqqa u mill-kaxxa jtiru 'l barra ruxxmata buttuni u xi kobob tas-suf.*

*ROŻA, diżappuntata, tinżel tiġbor kollox mill-art.*

*Tieqaf ħesrem hekk kif tisma' l-passi ta' xi ħadd tiela t-taraġ. Tibda tixħet kollox bil-ħeffa ġol-basktijiet.*

*Xi ħadd jipprova jiftaħ il-bieb ta' barra, iżda jsibu msakkar. Iħabbat.*

*ROŻA tinża' l-karkur u tiġri ħafja u bla ħoss biex taħbi l-basktijiet fir-rokna bejn il-ħajt u s-sodda.*

IT-TIFEL *(iħares lejn il-bieb):* Ma. Hemm xi ħadd, Ma.

*ROŻA ssikktu bil-herra. Tressaq malajr siġġu mal-mejda u tagħmel biex taparsi qed tqum u tilbes il-karkur.*

*Aktar taħbit mal-bieb.*

*ROŻA toħroġ kuruna tar-Rużarju mill-but u tersaq lejn il-bieb.*

ROŻA: U ġejja! Ġejja għall-erwieħ!

*Tiftaħ il-bieb.*

*Jidħol FREDU iżda jieqaf fl-intrata, iħares suspettuż lejn ROŻA.*

ROŻA: Huwa int, Sur Fred. 'Ġà spiċċa kollox?

*FREDU jidħol passejn 'il ġewwa, għajnejh mill-ewwel ifittxu lix-XIĦ.*

FREDU *(idur fuq ROŻA):* Għalfejn sakkart?

*ROŻA tmur lura mal-mejda u tpoġġi bilqiegħda fuq is-siġġu, il-kuruna tar-Rużarju fuq ħoġorha.*

ROŻA: Ma kienx hemm bosta nies, hux? U lanqas fjuri jkolli ngħid. Miskina s-Sa Kunċett - hi riedet li ma jibagħtux fjuri iżda. Għotjiet għall-karità...

FREDU *(fuq kliemha)*: Għalfejn sakkart?

ROŻA: Tajba din – ma ridtx li tmur għajnejja bija u dal-qanfud *(turi lejn IT-TIFEL)* jaħrabli ’l barra - ara l-ieħor!

*FREDU jmur lejn is-sodda, iħoll l-ingravata minn għonqu.*

*ROŻA tqum nofsha mis-siġġu, għajnejha fuq il-basktijiet*

*moħbija wara s-sodda.*

*FREDU jdur u jpoġġi fuq tarf is-sodda.*

*ROŻA terġa’ tinżel malajr bilqiegħda. Subgħajha jduru maż-żibeġ tal-kuruna, tgedwed xi ħaġa, iżda għajnejha fuq FREDU.*

*FREDU jfittex fil-bwiet imbewqin tal-ġlekk minn fejn joħroġ il-warda li kien ġabar miċ-ċimiterju.*

*Iħares lejn il-warda għal ftit, donnu ma jafx x'għadha tagħmel għandu.*

*Jarmi l-warda.*

*Idaħħal idu lura fil-but u joħroġ pakkett tas-sigaretti. Fih isib biss sigarett wieħed.*

*Jersaq bih f'ħalqu lejn il-mejda u jkebbsu mal-lampa tal-pitrolju.*

ROŻA *(titniegħed):* Din zitek ukoll, kif kellha tħallina. Ma kienx hemm bosta nies, hux?

*FREDU jdaħħan, iħares mal-kamra.*

FREDU: Int tista' tmur issa. Nieħu ħsiebu jien lix-xiħ.

*Pawsa.*
*ROŻA ma titniffisx.*

FREDU: Grazzi talli qgħadt miegħu, Roż.

*ROŻA mitlufa tgedwed ir-Rużarju.*

FREDU: Għedtlek grazzi talli qgħadt miegħu! Tista' tmur.

*It-talb ta' ROŻA jiżdied fil-ħerqa.*

*FREDU jkun se jdur fuqha meta jilmaħ il-kexxun imbexxaq tal-gwardarobba. Jersaq lejh u jiftħu.*

*Jagħti daqqa t'għajn fih, jagħlqu u jiftaħ il-bibien tal-gwardarobba: battala kważi għal kollox.*

*FREDU jzekzek; fehem kollox.*

*Idur iħares madwar il-kamra, donnu jfittex xi ħaġa.*

*Jersaq lejn l-inkwatri mal-ħitan, jaqlagħhom, ifittex warajhom u jqegħedhom lura f'posthom.*

*Ikun se jagħmel l-istess bl-inkwatru tal-Madonna meta jidher jerġa' jibdielu u minflok idur lejn is-sodda. Iqalleb fil-friex, ifittex taħt is-saqqu u l-imħaded.*

ROŻA: X'int tagħmel?

*FREDU jkompli jfittex. L-ewwel itektek mal-madum bit-takkuna taż-żarbun, imbagħad jinżel għarkobbtejh ħdejn is-sodda. Jittawwal taħtha u jipprova jiġbed 'il barra l-kaxxa tal-birra, iżda jsibha mħaxkna iebsa wisq.*

ROŻA: Attent, dik ruħ ommha fi snienha dik is-sodda...

*FREDU iżda diġà taha ġibda bil-herra u ħariġha 'l barra. Is-sodda titbandal fuq tliet saqajn u tixxengel għal fuqu.*

ROŻA *(tersaq lejn is-sodda):* Eh, hemm aħna! Nista' naf x'inti tfittex? Imissek tistħi! Sal-bieraħ stess kien għad hemm tistrieħ fuqu dik ir-ruħ qaddisa tas-Sa Kunċett dak is-saqqu. 'Qas rispett lejn il-mejtin m'għad għandek?

*FREDU qalleb fil-kaxxa tal-birra. Kulma jsib huma gazzetti u rivisti qodma, xi strapozz bla sura u rumanzi antiki għadhom faxxikli.*

*Iddiżgustat jitlaq kollox fl-art. Iżda kif ikun se jqum bilwieqfa jilmaħ il-basktijiet ta' ROŻA n-naħa l-oħra tas-sodda.*

FREDU: Dawk x'inhuma?

*ROŻA tgħaġġel biex tiħodhom iżda FREDU jaqbeż ħafif minn fuq is-sodda u jilħaq qabilha.*

*Jaħtaf basket.*

ROŻA: Ġibu 'l hawn dak! Dawk tiegħi. Ġibhom, dimonju tal-infern!

FREDU: Aqtagħha trid!

*Jaqleb il-baskett wiċċu 'l isfel fuq is-sodda fejn jaqa' l-imbarazz li ROŻA kienet deffset fih.*

*Mhux kuntent, FREDU jaqbad il-basktijiet l-oħra.*

ROŻA: Ara itlaqli kollox! Itlaqli kollox!

FREDU *(jaqleb kollox fuq is-sodda):* Int se taqtagħha jew? Għandek biex tgħidli jmissni nistħi wkoll!

*Taqa' l-kaxxa tal-buttuni li jerġgħu jinxterdu ma' kullimkien.*

ROŻA: Eh!! Issa kuntent, hux! Ja xkupa l'int! Ġib 'l hawn!

*FREDU jkompli jqalleb fil-basktijiet iżda malajr jintebaħ li m'hemm xejn jgħodd għalih.*

*Jitlaq kollox u jħalli lil ROŻA tixħet kollox lura fil-basktijiet.*

FREDU: Wiċċ ir-Rużarju għandek int, Roż. *(Izekzek)* Istħi, Roż. Tisraq lil ziti mejta quddiem l-imsejken żewġha għax ma jista' jagħmel xejn biex jiddefendi l-propjetà tiegħu; istħi, Roż!

ROŻA: Isma min qed jitkellem. *(Tgħajbu)* Il-propjetà tiegħu - l-imsejken żewġha!... Issa ġej bis-sapun, Fredu ta' qalbi?! Dan minn fejn dar-rispett kollu lejn qrabatek?! U ħallina! Dawk tiegħi iva. Ħaqqni xi ħaġa ta' kemm seftirt dawn is-snin kollha li ili nitqanna b'dik zitek u b'dak l-iżmagat. *(Turi lejn IX-XIĦ).*

FREDU: Kont ħsibtek qed tagħmel kollox f'ġieħ il-karità nisranija, Roż...

ROŻA: U karità kienet; karità mela. Taf daqsi li qatt ma tawni l-belli liri ta' kemm seftirt warajhom; taf hux?

FREDU: Tawk forsi le. Imma Roż... *(Jagħmel sinjal b 'idu - irid ifisser serq)* ...Eh, Roż?

ROŻA *(tixtieq tiggranfalu wiċċu)*: X'imma imma! Jien qatt ma sraqt xejn taf! Jien idejja ndaf! Xummiema! Mhux bħal ta' xi ħadd!

*FREDU jibqa' sajjem.*

*Ifittex fil-but għall-pakkett tas-sigaretti imma jsibu vojt. Ifittex fl-art is-sigarett li kien qed ipejjep qabel u li kien waqagħlu waqt li kien qed iqalleb fil-basktijiet. L-ewwel ma jsib hi l-warda li rema ftit qabel.*

*Jiġbor il-warda u jħares lejha.*

*Terġa' tfeġġ id-dehra tal-kuruna margeriti fuq il-qabar; issa mxarrba għasra, il-fjuri donnhom naqsu, imtajra mir-riħ.*

*FREDU jarmi l-warda u jiġbor is-sigarett, jitfgħu bejn xofftejh, ikebbsu u jerġa' jibda jdaħħan.*

ROŻA *(tgerger waħedha):* Qrast fil-laħam il-ħaj milli jidher.

*Mgħobbija basktijiet ROŻA tersaq mat-TIFEL lejn il-bieb ta' barra,*

*ROŻA:* Ħadt il-grazzi ħej, ibni!

FREDU: U mur jekk għandek! Mingħalija 'ġà għedtlek li m'għandix bżonnok. M'għandi bżonn ħadd jien.

*ROŻA tieqaf fl-intrata.*

*FREDU jqum f'salt u jerġa' jibda jdur mal-kamra, ifittex fejn ifettillu, iżda did-darba aktar bil-herra, iħalli kollox ta' taħt fuq, bibien u kxaxen miftuħin, ħwejjeġ mal-art u inkwatri mxenglin.*

*Fl-aħħar idur ukoll għall-inkwatru tal-Madonna, jaqilgħu u jfittex warajh: xejn. Jitilqu ma' ġenb is-sodda.*

*Jitlef il-ħeġġa malajr daqs kemm ħakmitu; jintelaq iddiżappuntat fuq is-sodda, wiċċu 'l fuq.*

*ROŻA terġa' tidħol lejn nofs il-kamra tirranġa ftit dak li qala'.*

ROŻA: Qtajt qalbek mela, gustuż? Nixtieq naf x'kont taħseb li se ssib f'dil-miżerja kollha.

FREDU *(iħares lejn is-saqaf);* Taf daqsi.

ROŻA: Xi tridni naf?

FREDU: Taf, taf, Roż.

ROŻA: Imsejkna s-Sa Kunċett, anki l-aħħar libsa sura ta' nies li kellha ħadulha biex difnuha fiha. Ħasra.

FREDU: Tgħid int għax kieku kont tiħodha int, mhux hekk?

ROŻA: Ilsien ħażin! Ħasra dil-miżerja kollha ridt ngħid.

*Pawsa qasira.*

FREDU: Tgħid x'għamlu bihom imma? Int imissek taf, Roż.

ROŻA: Xi tridni naf? Ara jien sejra...

FREDU *(iqum bilqiegħda fuq is-sodda)*: Taf, taf, Roż...

*FREDU iqum u jersaq lejn ROŻA.*

FREDU: …Il-buqxiex, Roż. Fejn ħbewh tgħid, eh?

ROŻA: Ma nafx x'int toħlom. Sejra jien...

*Iddur biex titlaq iżda FREDU jżommha minn idha.*

FREDU: Taf, Roż. Il-flus - il-flus, Roż! Kellhom flus dawk it-tnejn, Roż. Barra l-pensjoni tax-xiħ kellhom xi ħaġa mrekkna hawn ġew żgur. Mhux hekk, Roż? U naħseb li inti - inti taf fejn, Roż.

ROŻA *(tidħak):* U x'int tgeżwer! Flus hawn? Din isbaħ issa! Ma ssibx sold li hu sold hawn ġew, Fred, 'qas jekk iddum tqalleb sal-Ġudizzju universali! Imma kemm bqajt ibleh!

FREDU *(jidħol bejn ROŻA u l-bieb – ma jħallihiex toħroġ):* Iva, flus, Roż! Flus! Naf x'jien ngħid jien!

ROŻA: Ara ħallini ngħaddi…

*FREDU jersaq aktar fuqha.*

ROŻA : …Tersaqx lejja, dimonju!

*FREDU ikompli jsus warajha waqt li ROŻA tinġibed lura, iżżomm 'il binha quddiemha*

FREDU: Xi mkien iridu jkunu, Roż. Ix-xwejħa ziti kienet makakka, imma int - int Roż, ma kont xejn anqas minnha. Kont tgħassislha - kont tissindikalha kull pass li tagħmel, mhux hekk? Kont tgħarrex dejjem warajha... u kont taf fejn kellha l-moħba, mhux hekk, Roż!?

ROŻA *(waslet daharha mal-ħajt):* Tersaqx lejja għedtlek! Jien ma naf xejn. Naħlef! Kieku naf - kieku naf fejn kellha xi flus kont se nikkuntenta ruħi nieħu dawk l-erba' ċraret maħmuġin!?

*FREDU wasal fuqha sew.*

ROŻA : Jekk trid taf xiħaġa... staqsi lilu! Lix-xiħ! *(Turi lejn IX-XIĦ fil-pultruna*.) Hu jaf aktar minni, ibqa' ċert! Staqsi lilu!

*FREDU jieqaf - iħares lejn IX-XIĦ.*

FREDU : U tgħid?

ROŻA: Min tridu jaf jekk mhux hu? Dejjem ikkakkmat hemm, jara kulma jsir f'dil-kamra.

FREDU: M'hix idea ħażina kieku.

*FREDU jibda riesaq lejn IX-XIĦ.*

*ROŻA tħaffef lejn il-bieb, timbotta t-TIFEL 'il barra, iżda tegħlibha l-kurżità u tieqaf fl-indana, tara x'se jiġri.*

FREDU *(wieqaf quddiem IX-XIĦ):* X'hemm, Zi? Kont qed tismagħna naħseb. Taf x'qed infittex, hux hekk? Iva, lilek qed ngħid - lilek xwejjaħ, imgezzez hemm għas-sħana, il-midalji jleqqu fuq sidrek, għanjejk moħbija wara dak in-nuċċali, ma nafux intix ħaj jew mejjet, trux jew għama. Int iva, sieket hemm bla ma titħarrek, int taf fejn ħbiethom il-flus tgħid?

*Pawsa – imbagħad iniżżel wiċċu eqreb lejn IX-XIĦ.*

FREDU: Ma titkellimx? Fittixt kullimkien, forsi rajtni - smajtni wkoll ikolli ngħid, eh? Imma tgħid - tgħid wara dik il-maskra għajjiena ta' wiċċek - tgħid qed tiddieħak bina, eh? Għalxejn tilgħabha tal-mejjet, taf! Aħna nisimgħu - qed nisimgħuha dik qalbek tħabbat. *(Jieqaf jissemma'.)* Tismagħha? Tikxfek dik il-qalb, Xiħ; int m'intix mejjet, le! M'intix! *(Jgħajjat f'wiċċu.)* Lilek qed ngħid, taf! Tkellem! Fejn ħbiethom il-flus? Fejn? Fejn?!

*ROŻA tagħlaq il-bieb ta' barra u tidħol lura fil-kamra.*

ROŻA: Bil-mod, mhux hekk, Fred! 'Qas ħaqq min jismagħna! Mhux hekk...

FREDU: Le? Mela kif? Tgħid int, mhux ta' min jaħqru, hux?...

*FREDU jilgħab b'subgħajh bil-midalji fuq sider lX-XIĦ.*

FREDU: ...Għax ara ħej kemm konna qalbiena; kemm konna kuraġġużi!

*Jaqla' l-midalji u jżommhom fil-pala ta' idejh, imbagħad jieħu l-peprina ħamra mill-važett.*

FREDU: U din ukoll, tafx - biex żgur ma ninsewx kemm tqabad għalina... biċċa ta' xiħ żmagat!

*Jarmi kollox fl-art u jaħtaf lix-XIĦ minn sidru, jgħollih minn fuq il-pultruna u jissussah.*

FREDU: Int se titkellem, jew?! Tkellem; fejn huma l-flus? Fejn?!

ROŻA *(tipprova żżommlu idu)*: Stenna! Ieqaf, Fred! Għaddieli ħsieb!

FREDU: Da' x'kien!? Xi ħsieb!

ROŻA: Min jaf... min jaf humiex hemm? *(Turi lejn l-imħadda taħt lX-XIĦ.)*

FREDU *(jitlaq lix-XIĦ bil-herra):* Hemm? Taħt l-imħadda?...

ROŻA: Għaliex le?

FREDU: Malajr naraw.

*ROŻA u FREDU jduru madwar il-pultruna, jippruvaw ifittxu bla ma jċaqalqu wisq lix-XIĦ.*

FREDU: Hekk ma se nagħmlu xejn. Stenn ftit.

*Jaqbad lix-XIĦ u jaqilgħu minn fuq il-pultruna u jixħtu bħal xkora patata fuq il-pultruna l-oħra.*

ROŻA: Ma jidher li hawn xejn.

FREDU: Aqla' l-imħadda ’l barra!

*ROŻA tagħmel hekk u bl-imħadda f'idejha tmur mal-mejda għad-dawl.*

*FREDU jieħu l-imħadda l-oħra mill-pultruna fejn IX-XIĦ baqa' mitluq fejn tefgħu.*

ROŻA *(tagħti bil-ponn fuq l-imħadda)*: Af li hawn m'hawn xej'.

FREDU: Ġib!

*Jitlaq l-imħadda tiegħu fejn lanqas hu ma sab xejn, u jieħu ta' ROŻA.*

*Ifittex kemm ifittex, ma jsib xejn.*

*Bir-rabja jċarrat l-investa u jaqsam l-imħadda.*

*Rix itir ma' kullimkien.*

ROŻA: Is-sagramewt! Fejn ix-xjafek ħbewhom, nirrahom ma nafx xiex!...

*FREDU jdur lura fuq IX-XIĦ - jerġa' jaħtfu minn sidru.*

FREDU: Dan - dan jaf! Tkellem int! Fejn!? Jekk m'intix se titkellem!... *(Jgħolli idu, il-ponn magħqud...)*

*Il-bieb ta' barra jinfetaħ u jidħol is-SUR FONZ: raġel qsajjar u magħlub, għandu 'l fuq minn ħamsin sena, liebes beritta f'rasu, libsa u*

*ingravata sewda - hu ukoll għadu ġej mill-funeral. F'idejh għandu umbrella magħluqa tqattar.*

*Jidħol fil-kamra kważi b'ġirja, iżda malajr jieqaf soptu jħares madwaru.*

FONZU: Hawn x'inhu ġej?!

*FREDU jitlaq lix-XIĦ, iżda ma jweġibx.*

*FONZU jkompli jdawwar ħarstu mal-kamra - mistagħġeb jara l-ħerba li ħallew warajhom FREDU u ROŻA.*

*Jagħti xi passi 'l ġewwa, bit-tarf tal-umbrella jteftef fir-rix imxerred mal-art. Imbagħad ħarstu taqa' fuq is-sodda titbandal fuq tliet saqajn.*

*Idur irrabjat fuq ROŻA.*

FONZU: Staqsejt mistoqsija jien! Hawn x'inhu ġej! X'ġara hawn ġew?!...

ROŻA: Eeee!! Toqgħod iżżebbeġ xejn lejja, int! Jien m'għandix x'naqsam! Staqsi ’l dak! *(Turi lejn FREDU)*

*FREDU jitbissem imqarras imma ma jweġibx għall-akkuża. Jorbot idu fuq sidru.*

FONZU (*jiġri lejn is-sodda):* Din min kissirha?! Tafu li din propjetà tiegħi, hux? Tafu li kull ħsara li ssir hawn tridu tatu kont lili tagħha?! Mhux biżżejjed għamiltuhomli miżbla dal-flats! Issa ser tibdew tisfaxxaw l-għamara wkoll!?

FREDU: Għax hawn flats saru issa, hux Fonz? Kont naħseb li kerrejja kienet...

FONZU: Flats jew kerrejja, jien is-sid hawn! U meta taslu biex titilqu - u niżżu ħajr 'l Alla li ma baqax wisq biex! - meta taslu biex titilqu, jew insib kollox kif ħallejtu, jew b'raskom idur!

FREDU: Tarax, għal dal-gozz raċanċ!

*Jagħti daqqa ta' sieq ħafifa lill-bieba żgħira li hemm ħdejn is-sodda - il-bieba tal-kamra tal-banju(!) - u mad-daqqa din taqa' 'l ġewwa msewsa.*

*FREDU jidħak.*

FONZU: Raċanċ tgħidlu int, ja biċċa ta'!...

*FONZU jersaq fuq FREDU, idejh magħluqin mal-umbrella.*

FREDU: U ħallina Nann, trid! *(B'żuffjett iniżżillu l-beritta fuq għajnejh.)* Tridx tħallina. Lili tiġinix bil-kummiedji, tafx. Meta tagħlaq il-kera mhux dejjem tiħodhom flusek?...

FONZU: Iva!!

FREDU: ...Ukoll jekk kien ikun hemm bżonn tagħsarhomlhom minn demmhom, sa lanqas sold kont tiħodlhom lil dawk iż-żewġt ixjuħ.

FONZU: Baqax - ma niħux flusi!

FREDU: U int xi ħaġa hekk kont tistenna biex titfagħhom 'il barra. Imma sa fl-aħħar issa ħlist minn waħda minnhom talanqas. Ridt tmur il-funeral tagħha biex tkun żgur li telqet, hux Fonz? Neħħitulek l-inkomdu, tibżax. Issa nistennew biss li l-ieħor isegwi l-eżempju tagħha.

ROŻA *(taparsi bdiet tirranġa lix-XIĦ lura f'postu):* Isimgħu daqsxejn kif jitkellem fuq qrabatu! U Santu Spirtu!

FONZU: X'tistenna mill-ġoventù tal-lum, ħej? Saru kbar f'daqqa dawn! Ma jafux xi jfisser ġuħ u għaks; ma jafux! Sabu s-sodda mifruxa! Ma rawx żewġ gwerer fuq xulxin kif rajna aħna! Ma jafux!...

FREDU: Ma nafux le aħna. Biss jekk intom rajtu għaxar snin ta' gwerer, għamiltu l-bqija ta' għomorkom tbellgħuhomlna bħala skuża għal kulma jinqala' u tiftaħru kemm kontu kuraġġużi!...

FONZU: Isimgħu! Tlablib, żebliħ u dmugħ: dawn huma ż-żgħażagħ tagħna ħej! Ma ssibx wieħed minnhom li ma tisimgħux igemgem kontra l-gwerer, jibża' minn dellu li għad jasal iż-żmien li hu ukoll xi darba jsib ruħu wiċċ imb' wiċċ mal-mewt! Mur għidilhom jgħaddu mill-gwerra li rajna aħna!

FREDU: Hemm afina! Ftaħar ħej! Ftaħar għax rajt gwerra sħiħa. Jew tnejn kienu? Imma bilħaqq l-ewwel waħda kellha tkun il-gwerra li ttemm il-gwerer kollha, mhux

hekk? Gwerra glorjuża - il-Kruċjati tas-Seklu Għoxrin! U ma kienet xejn għajr biċċerija glorifikata! Ftaħar ħej mela, għax għandek biex!

*ROŻA tiġbor il-basktijiet, tiġbed IT-TIFEL lejn il-bieb.*

ROŻA: U xi jkolli nisma' fi xjuħiti! Aħjar nara mmurx 'l hemm.

FREDU: Mur, Roż, mur. U żommu sewwa dak il-basket, tafx. Il-barka miegħek; hekk jew hekk kulħadd irid jgħix.

FONZU: Eh? X'jiġifieri?... Stenn ftit, Roż! Hemm x'għandek?

ROŻA: U xejn! *(Timbotta T-TIFEL u ġġebbdu minn widnejh.)* Iftaħ dak il-bieb int, qisek mitruħ!

FONZU: Għedtlek stenna, Roż! Lilek qed ngħid! X'għandek hemm ġew?

ROŻA: Isma', inti x'inhi affarik? 'Qas li kont il-ġustizzja!

FONZU: Jien il-ġustizzja hawn ġew sakemm kull biċċa raċanċ li hawn hi tiegħi. Iftaħ ħa nara xi bramt!

ROŻA: Xejn minn tiegħek, ibqa' ċert! Bramt sabiħ! Erba' ċraret u xi denduliet - dak kull m'hemm. Kienet wegħdithomli dik ir-ruħ qaddisa tas-Sa Kunċett...

FONZU: Issa naraw. *(Jeħodilha l-basktijiet u jmur mal-mejda.)*

ROŻA *(lil FREDU):* Stajt gdimt ilsienek int ukoll!

*FONZU jqalleb fil-basktijiet sakemm il-kaxxa tal-buttuni tinqaleb u ta' ġo fiha jinxtered ma' kullimkien.*

ROŻA: Eh, eh, eh! M'hawnx għalik! Tarmuhomli mit-tieqa jonqoskom dawk il-misħutin erba' buttuni! Ġib ‘l hawn; ġib!

FONZU *(iwarrbilha u jħalliha tiġbor kollox*): Ma tistax tlumni lili jekk noqgħod attent li ħadd ma jisraqli ħwejġi. Lili ħadd ma jgħaddini minn għajn il-labra, Roż.

ROŻA: Minn x’imsella jgħadduk lilek! Li ma ngħidlekx ukoll!

*IT-TIFEL jersaq jagħtiha xi ħaġa li ġabar.*

ROŻA: Biex ġej?... Ħallik mill-midalji! *(Tarmiha)* Iġbor il-buttuni int!

FONZU *(jieħu minn idejn IT-TIFEL uħud mill-midalji li baqagħlu):* Imisskom tistħu - dik hi. Għarukaża! Anki raġel agħma, magħtub u trux tisirqulu l-ħwejjeġ minn fuqu kieku tistgħu. *(Jitfa' l-midalji fil-but tal-ġlekk tiegħu.)*

FREDU: Xi trid tagħmel la ħaddieħor leħaq seraqlu l-portafoll, biex ma ngħidx ġieħu wkoll.

FONZU: Le, inħallihom biex tobormuhom intom mela! Int issa tiddaqqaq, żagħżugħ. Ma kontx tagħmel hekk kieku zijuk kien għadu fl-aħjar tiegħu. Kien raġel dan - imma raġel tassew, taf. M'għadx baqa' rġiel bħalu!

FREDU: Xi swietlu rġulitu kollha? Arah hemm, gozz għadam mixħutin f'rokna; ma jaqlax għajnejh minn fuq dawk ir-ritratti, kuntent jikkontemplahom mis-sebħ sad-dlam, basta għandu dawk l-erba' biċċiet landa fuq sidru li jankrawh mal-imgħoddi - is-"Sette Giugno", l-"Otto Settembre" u l-bqija tal-ħolm tiegħu kollu! Xejn għajr ħolm fieragħ!

FONZU: Id-demm ta' missirijietna jitlob ħaqq ta' kliemek, Fred! Imissek tistħi!

FREDU: Jekk ma nafx kif, it-tort mhux tiegħi. Ħadd m'għallimni.

FONZU: Taf li tinsab quddiem wieħed mill-ftit li kellhom il-kuraġġ jissieltu mal-barrani għad-drittijiet tagħhom; tafu dan hux? Ma ngħidlekx kemm ra ma' wiċċu - saħansitra tturufnawh! Kien darbtejn deputat tal-Kamra, biex ma ngħidlekx ukoll li kien ministru tal-... tal-.... insomma, ministru ta' xiħaġa kbira! U matul il-gwerra mbagħad!?... Uuu! Dik qlubija! Dak kuraġġ! Tilef żewġ uliedu fit-taqbid; żewġ ulied tilef!

FREDU: Ikolli ngħid aktar ħaduha bi kbira uliedu dik it-telfa - huma li mietu. Hu baqa' ħaj - jekk tista' ssejjaħlu ħaj. Ħares lejh; qatt rajtu jitħarrek int, għidli? Qatt rajtu jagħmel xi ħaġa? Qatt! Imma għax għandu biċċtejn landa fuq sidru, għax xagħru issa bjad u jixhed għerf u għomor, allura kulħadd jgħid kemm kien kbir - kemm kien qalbieni! Imma min jgħidilna li għadu ħaj kieku mhux għax nisimgħu dik qalbu tħabbat - tħabbat bla heda? Kultant... kultant meta nidħol hawn ġew u nsibu mill-ewwel quddiemi, hemm qisu monument, għajnejh magħluqin taħt dak

in-nuċċali, imniffsejh ma jitħarrkux, ngħid: Hawn aħna, miet sa fl-aħħar! Miet! Doqqu t-trombi - miet!

ROŻA: U Santu Spirtu!

FREDU: Iżda mbagħad, meta f'widnejja jiskot id-diwi u t-twerdin tal-ħamba tat-triq mnejn dħalt, imbagħad fis-sikta ta' dil-kamra nisma' ħoss, taħbita, sejra: Tum-tum, tum-tum, tum-tum!... Bil-mod, iżda tidwi mal-kamra kollha: Tum-tum, tum-tum, tum-tum... Qalbu tħabbat. U ninduna li għadu ma mietx! Għadu ħaj!

ROŻA: U barra minn hawn is-siegħa ta' dal-ħin! Kieku int dak li tixtieq - biex teħles minnu u titlaq.

FREDU: Jien biss nixtieq hekk, Roż? Ma xebbgħekx lilek ukoll? Ma ddejjaqtx issefter warajh, jum wara l-ieħor? Għidli; x'inhu li jorbotna miegħu lilna lkoll? Għaliex jien ma naqbadx u nitlaq, imur lejn il-Kanada ħdejn ħija? Imma le - nibqgħu hawn ilkoll, imdawrin miegħu, naraw li ma jmutx, ngħassu l-ħin kollu li dik it-taħbita ta' qalbu ma tibdiex tnin. U malli jqaħqaħ xi ftit, darba f'elf qamar, tarana nisħtu dawk il-ħames xelini tat-tabib iżda mmorru niġru nġibuh li ma jmutx taħt għajnejna dan ix-xiħ u n-nies tgħid bina għax ittraskurajnieh! X'qed nistennew biex neħilsu minnu? Li jiġrilna bħal ziti li għamlet għomorha ddur bih sakemm ma felħetx aktar u għotrot f'daqqa u sabet ruħha d-dinja l-oħra?

ROŻA: Minn daqshekk għandek raġun - darba f'għomrok! Ħliet ħajjitha ddur bih, u dik hi. Dejjem tgħasses madwaru kienet - u meta ngħid tgħasses tafx, tgħasses tassew! Xejn ma kien jaħarbilha minn dak li

jsir madwarha. Ma kenitx tħallih waqt wieħed waħdu!

FONZU: Kien jixraqlu kull ma għamlet miegħu. Raġel kbir kien! Eh, niftakar fl-imgħoddi...

FREDU: Tagħmel ħazin. L-imgħoddi miet. U kieku dan kien tassew ir-raġel kbir li dejjem tgħidu li kien, kieku hu stess kien jgħidilna, "Itilquni lili; fendu għal raskom!" Imma ma jistax jistenna li nibqgħu għal dejjem marbutin miegħu, naħlu ħajjitna biex inżommuh ħaj, waqt li aħna qed immutu! Kien jagħtina l-ħelsien! Int Roż ma tibqax isseftirlu aktar kieku, jien nerħilha lejn il-Kanada u Fonzu jikri dil-kamra...

FONZU: Mhux li kien! Ili tant nistenna! Iżda mhux ħafif daqs kemm tgħid int, Fred, li teħles mill-imgħoddi.

FREDU: Tort tagħna. Għax flok nippruvaw ninħallu, aktar norbtu lilna nfusna mal-imgħoddi...

FONZU: U taħseb int li jien ma ppruvajtx ninħall - u ngħid ippruvajtx! Elf proġett għamilt għal dan l-appartament għal meta jmut dak ix-xiħ. X'dawra ndur m'hawn ġew kieku! Inneħħi dak il-qabda raċanċ imsewwes - dak l-imbarazz bla sura - inkaħħal u nbajjad kullimkien mill-ġdid; palazz nagħmlu hawn ġew kieku!

FREDU: Kieku! Imma safrattant għadek m'intix is-sid.

FONZU: Sakemm dak ma jmutx, le, m'iniex is-sid, imma wara li jmut - għax sa fl-aħħar, xi darba, irid imut 'k Alla jrid! - u meta jmut dan l-appartament fuqi jaqa'!

ROŻA: Huwa jien smajt li int diġà bdejt tfittex biex twellih hawn, Sur Fonz.

FONZU: Naħseb fil-ġejjieni jien, Roż; naħseb fil-ġejjieni.

ROŻA: Ma titlifx żmien kieku int, le.

FONZU: Għandi kull dritt; wara kollox hawn ġew malli jmut dak...

FREDU: ...Se jaqa' fuqek. Iva, 'ġà għedtilna. Imma naħseb li jaqa' tassew hawn ġew kollu fuqek u dak ikun għadu ma mietx. Jaqa' s-saqaf, iċedu l-ħitan u hu jkun għadu hawn, lest biex iġebbed ħajtu sa' l-eternità.

ROŻA: Ħajtu jġebbdiha kemm irid Fred, iżda lili ma jdumx wisq isibni nsefter warajh. Kun af li issa tassew xbajt. Mhux biżżejjed għandi x-xogħol ta' dari; kemm se ndum niġri minn hawn għal hemm, nitla' turġien bla bżonn? Issa nfnejt!

FREDU: Jekk qed tipprova tisloħli xi żewġ xelini iżjed għal dak li qed tagħmel max-xjuħ tiegħi, Roż, sejra mqarrqa. Sibt bank fallut, j'ommi. U issa li naqset ix-xiħa u għandek biss 'il dan x'tieħu ħsieb, issa tonqos tista' l-paga tiegħek, Roż.

ROŻA: Paga! U jsejħilha paga - dawn il-ħames xelini li jagħtini! Li ma kenitx il-kuxjenza tiegħi li ma tħallini nara 'l ħadd fil-miżerja bla ma ngħinu, kieku ma kontx nirfes minn dik l-għatba 'l ġewwa, tibżax!

FREDU: Tajjeb mela, Roż, ara li tkompli żżommha kwieta l-kuxjenza. Ħames xelini prezz għoli biżżejjed.

ROŻA: Eh iva, ja!!.... Hi, ara aħjar inrażżan ilsieni! Għal dnubieti xi trid tagħmel. Arani sejra. L-aħjar tagħtih

biċċa minn djulek lix-xitan... Eh, u int Sur Fonz, qed niftakar...

FONZU: X'għandi x'naqsam jien max-xitan?

ROŻA: Int taf. Ridt ngħidlek biex tara x'se tagħmel b'dik il-kanna tal-ilma. Reġgħet infaqgħet dal-lejl. Għandi m'għola sitt pulzieri ċaflis fil-kċina! Mhux biżżejjed hemm umdità!

FONZU: Kollox sew, kollox sew, Roż. Issa niġi nara xi ħsara hemm...

ROŻA: Għax bħal dak li qallu ma tafx! Hemm trid taqla' kollox, Fonz! Jekk tas-Sanità jkunu jafu!...

FONZU: U tas-Sanità - tas-Sanità! Għal kanna tqattar!...

ROŻA: Tqattar sabiħ! Hemm id-dilluvju għandek! Imn'Alla t-tfal tiegħi jafu jgħumu, dak li għandek tgħid!

FONZU: Ara imxi - imxi, Roż. Li ma nkellmekx tajjeb ukoll! Ejja naraw x'inhu dan l-għaġeb kollu!

*FONZU u ROŻA joħorġu.*

## 5 XENA

*FREDU waħdu max-XIĦ.*

*Wara ftit iqum idur mal-kamra, iqalleb b'nofs qalb f'irkejjen li f'ħafna minnhom diġà fittex.*

*Jieqaf ħosbien f'nofs il-kamra. Iħares lejn il-gwardarobba. Jitbaxxa u jħares taħtha.*

*Iqum. Itella' ħarstu magħha sa ma tasal fuq nett. Jipprova jilħaq b'idejh max-xifer ta' fuq iżda l-gwardarobba għolja wisq.*

*Imur iġib siġġu, iqiegħdu ħdejha u jitla' fuqu.*

*Fuq il-gwardarobba, 'il ġewwa mal-ħajt hemm imgeddsa kaxxa sewda tal-injam.*

*Wiċċ FREDU jiddawwal malli jaraha u malajr joħroġ idejh biex jigbidha 'l barra.*

*Jieqaf f'daqqa u malajr jerġa' jiġbed idejh lura hekk kif jisma' ħoss warajh. Iħares 'l isfel.*

*FONZU jinsab fuq l-għatba tal-bieb imxarrab għasra minn qaddu 'l isfel, maktur ma' wiċċu jixxotta l-ilma, bl-umbrella għadha f'idejh, imxarrba iżda magħluqa.*

*FONZU, imgħaddab, suspettuż u kurjuż, qed josserva lil FREDU.*

FREDU *(jipprova jiċċajta):* Deherli - deherli li rajt ftit tal-umdità hawn, Sur Fonz. U milli qed nara, marda li tittieħed din; hemm kif inħsilt!?

FONZU: Issa ngħidlek kif! Ara, tridx tiġi tagħtini daqqa t'id? Dik il-misħuta kanna se timlielna kullimkien. Ikollna nagħlqu l-Main minn isfel. Tinżel int?

FREDU *(jinżel mis-siġġu):* Issa?

FONZU: Le, l-ewwel nistennew jinħela l-ilma kollu tal-gżira, imbagħad nagħlquh! Issa iva - issa!

FREDU: Kollox sew, kelma għedtlek. Donnok se tagħmiluli int il-pjaċir ukoll.

FONZU: U inżel ftit għall-erwieħ!

*FREDU joħroġ igemgem, iżda FONZU jibqa' ftit lura, jixxotta ż-żarbun bil-faxxa sewda tal-luttu ta' fuq il-bieb. Meta jiddritta, għajnejh jieqfu għal ftit fuq il-gwardarobba.*

*Ix-xifer tal-kaxxa sewda issa jidher maħruġ ftit 'il barra.*

## 6 XENA

*L-istess kamra tal-kerrejja.*

*Billejl.*

*Dlam ċappa kważi kullimkien, għajr għal ftit dawl tal-lejl dieħel minn barra t-tieqa.*

*Ebda ħoss - iżda l-qalb tax-XIĦ għadha tħabbat.*

*Il-bieb li jagħti fuq is-setaħ jinfetaħ iżaqżaq.*

*Tidħol ROŻA nkiss inkiss. Timbotta l-bieb warajha u taqsam il-kamra fis-skiet. Taħbat ma' siġġu. Tieqaf tissemma'. Meta tara li ħadd*

*ma semagħha, taqbad is-siġġu u tmur bih lejn il-gwardarobba. Iżda lanqas meta titla' fuq is-siġġu ma tista' tlaħħaq mal-gwardarobba.*

*Tinżel u ġġib il-kaxxa tal-birra minn taħt is-sodda.Tqiegħed il-kaxxa fuq is-siġġu u tkun se tixxabbat fuqu meta tisma' l-bieb jinfetaħ. Tħaffef tmur tistaħba wara s-sodda.*

*Jidħol FREDU b'torċa elettrika f'idu. Jixgħel id-dawl madwar il-kamra, fuq IX-XIĦ, fuq il-pultruna battala quddiemu u fi-aħħar lejn il-gwardarobba.*

*Malli jilmaħ il-kaxxa tal-birra fuq is-siġġu, jinħasad. Jiġri jitla' fuq is-siġġu.*

*Jiġbed nifs ta' serħan malli jsib li l-kaxxa sewda għadha fuq il-gwardarobba. Jaħtafha u jinżel biha. Iżda hu u nieżel taqagħlu t-torċa bil-fixla. Jitlaq il-kaxxa fuq is-sodda u jitbaxxa biex jiġbor it-torċa. Meta jsibha iżda ma jkunx jista' jixgħelha.*

*Jersaq lejn il-mejda biex jixgħel il-lampa tal-pitrolju.*

*ROŻA tieħu ċ-ċans; taqbad il-kaxxa sewda minn fuq is-sodda u titkaxkar għarkobbtejha lejn il-bieb ta' barra. Iżda hekk kif tasal biex toħroġ, FREDU jilħaq jixgħel il-lampa u jilmaħha.*

*ROŻA tqum tiġri fuq saqajha u tiftaħ il-bieb.*

*Jinkixef FONZU milwi tnejn fuq l-għatba - kien qed jittawwal mill-ħofra tas-serratura. ROŻA tgħajjat għajta bil-qatgħa u titlaq il-kaxxa minn idejha.*

*FREDU jinxteħet għal fuqha jgħajjat bir-rabja hekk kif FONZU wkoll jipprova jiġborha.*

*ROŻA, FREDU u FONZU jsibu ruħhom fuq xulxin fl-art jiġġieldu għall-kaxxa.*

FREDU: Itilquha hemm dik! Dik tiegħi!

*Jirnexxilu jaħtafħa f'idu iżda FONZU jtajjarhielu.*

*L-għatu jinfetaħ mad-daqqa u ta' ġo fiha jtir mal-kamra; jidher li hemm xi mazzi ta' karti marbutin pulit b'lasktu.*

*FONZU, FREDU u ROŻA jinxteħtu qatta bla ħabel għal fuqhom, ilkoll jaħtfu u jitfgħu f'ħobbhom.*

FREDU: Tmissu xejn! Ħallelin! Itilquhom! Ġibuhom 'l hawn! Dawk tiegħi!

*FONZU jikkuntenta ruħu b'li laħaq ġabar u jipprova joħroġ, iżda*

*FREDU jqum u jagħlaqlu l-bieb.*

FREDU: Fejn sejjer int? Ħadd m'hu ħiereġ minn hawn qabel nieħu kollox lura! Itlaq kollox hemm, Fonz, għax b'rasek se jdur! *(Jimbuttah lura bil-herra.)* U int Roż, newwel 'l hawn!

ROŻA: Ħożż fl-ilma! Din il-paga tiegħi ta' kemm seftirt!

FREDU: Afu li b'raskom se jdur! Se nagħmel waħda l-lejla jekk ma ġġibuhomx lura!

ROŻA: Mela tista' ddum tistenna!

*ROŻA titbaxxa biex tiġbor karta li waqgħetilha minn mazz li ġabret.*

ROŻA: Din x'inhi?...

FREDU: X'inhi?... Għalxejn Roż, m'intix se tgħaddini biż-żmien. Itlaq kollox hemm!

ROŻA: U tgħidli qalbi!... Dawn - dawn mhux flus!

FONZU: Mhux flus? Mela?... *(Joħroġ mazz karti minn ħobbu u jiflih bis-serqa.)*

ROŻA *(hi ukoll tifli l-karti);* San Ġużepp ta' Kopertinu!

FONZU: San Filippu Neri!

ROŻA: U dan... San Mattew Evanġelista!

FREDU *(mibluh iħares minn waħda għall-ieħor*); Af li!!... Dawn qed jiġġennu!

ROŻA: Razztek miġnuna! Dawn santi! Santi! U dawn - u dawn... Dawn kollha santi!

FREDU: Santi?... Ma nemmnekx!

ROŻA: U x'ma temminx, ras ommok?! Hawn ara! Dawn flus, dawn?

*FREDU jħares lejn is-santi li tagħtih ROŻA.*

FREDU: Santi... (*Joħroġ il-karti li ħeba fil-but.)* Dawn ukoll... Santi!?

FONZU *(sab mazz ieħor)*: Dawn le. Dawn mhux santi donnhom...

*ROŻA u FREDU jaħtfulu kollox minn idejh.*

FONZU: U bil-mod, bil-mod! Le, dawk mhux santi kieku; dawk...

ROŻA: Biljetti!

FREDU: Biljetti tal-lottu!

*It-tlieta li huma jitilqu kollox minn idejhom.*

ROŻA: Prosit ħej. Mur obsor għal dik zitek. Dan it-teżor tiegħek, Fred? Biljetti u santi - ajma j'ommi!

FONZU: Ħaqqkom! Ma ħaqqkomx aħjar! Rajtu x'tieħdu bir-regħba!

ROŻA: Hemm hu Pilatu - ħasel idejh, ħej!

*FREDU jkompli jqalleb il-karti, ma jridx jaqta' jiesu.*

ROŻA *(lil FONZU):* Meta għedtli biex nidħol jien ħa nieħu l-kaxxa ma semmejtx regħba, hux Fonz? *Fifty-fifty*

ridt! *(Iddur fuq FREDU)* U aqta' jiesek int! M'hemm xejn jgħodd għalik hemm. Int ma temmen b'xejn u x-xorti lanqas biss taf fejn toqgħod!

*FREDU mitluf igedwed waħdu, dejjem ifittex bil-għama fin-nofs dalma tal-kamra bilkemm jara fejn sejjer.*

FREDU*:* Ma jistax ikun. Ma jistax ikun...

ROŻA: Ibleh! Xi ħlomt li ser issib f'dil-ħerba kollha?!

FREDU: Ma jistax ikun, LE! Dil-miżerja kollha - dil-ħerba biss, le. Jeħtieġ ikun hawn xi ħaġa li tiswa! Xi mkien – xi mkien irid ikun hawn loqma riżq! Ma jistax ikun li dawn waslu biex imutu u ma se jħallu xejn warajhom għajr miżerja! Ma jistax ikun! Irid - jeħtieġ - ma tifhmux li jeħtieġ li jkun hawn - li għad insibu xi mkien xi ħaġa li tiswa?! Xiħaġa!...

FONZU *(biljett tal-lottu f'idu):* Sette - għoxrin u sej bil-kwattru.

FREDU: ...Xi ħaġa li tiswa!

FONZU: Tern bl-għeniebi ta' xelin. Dejjem l-istess kienet tilgħab.

ROŻA: Qatt ma rebħet xejn iżda!

FREDU: Qatt ma rebħet... *(Jieqaf donnu feġġ raġġ ta' tama.)* Għaliex? Fejn taf? Fejn taf int, Roż?

ROŻA: X'naf?!

FREDU: Li ma rebħitx - kif tista' tgħidu int? *(Jerġa' jibda jfittex mal-kamra b 'ferneżija dejjem tikber.)* Forsi

rebħet xi darba. U jekk rebħet - jekk rebħet - hawn iridu jkunu*! (Jqalleb u jfittex bħal miġnun.)* Hawn iridu jkunu! Jeħtieġ - jeħtieġ li jkunu hawn!

FONZU *(jiġri warajh, se jagħtih ferħ ta' ġenn jarah iħarbat kollox):* Ieqaf - ieqaf ja miġnun! Int ħlift li tfarrakli kull m'hawn! Ieqaf jew b'rasek idur!

FREDU *(dejjem iżjed feroċi):*Jehtieġ! Jeħtieġ!

*Ikompli jkisser sa ma jasal ħdejn il-pultruna tax-XIĦ. Itajjar il-peprina u l-važett, imbagħad jaħtaf l-inkwatru bir-ritratt tax-XIĦ u martu u jsabbtu mal-ħajt.)*

ROŻA: Le, Fred! Tmissx dawk! Dawk le! Dawk il-mimmi t'għajnejh - kulma baqagħlu fid-dinja!

FREDU: X'jambihom? Jiswew xi ħaġa forsi? Int stess għedt, Roż - m'hawn xejn li jiswa hawn ġew. Mela kisser u farrak! *(B'rabja ta' sogħba)* M'hawn xejn li jiswa! Xejn - xejn li xejn!

*Itajjar kollox minn fuq il-gradenza. Fl-aħħar jaħtaf l-inkwatru bir-ritratt tas-"Sette Giugno".*

ROŻA: Le, Fred!...

*Iżda b'dahru lejn IX-XIĦ, FREDU ma jintebaħx li dan beda jitħarrek fuq il-pultmna, jipprova jqum bi tbatija.*

*FREDU isabbat l-inkwatru mal-art.*

FREDU: Kisser u farrak mela! Ma baqa' xejn!

*ROŻA tħares mibluha lejn lX-XIĦ, wieqaf wara dahar FREDU, idejh maħruġin 'il barra biex iżommu.*

ROŻA: Fred! X'għamilt, Fred!?

FREDU: Kollox spiċċa! Kollox! Darba għal dejjem!

*IX-XIĦ waqaf wara dahar FREDU, bejn bilwieqfa u bejn se jaqa'.*

*Il-ħoss tal-qalb tħabbat għola sewwa.*

*FREDU, donnu jintebaħ f'daqqa; idur.*

*Il-qalb tħabbat bi tbatija u xejn soda.*

*Idejn IX-XIĦ joħorġu 'l barra jirtogħdu, jitbaxxew lejn l-art lejn l-inkwatru mkisser.*

*It-taħbit tal-qalb jieqaf zoptu.*

*IX-XIĦ jibqa' wieqaf għal mument ma jitħarrekx, imbagħad jintelaq minn tulu fl-art.*

ROŻA: X'għamilt b'idejk, Fred!?

*Tinxteħet għarkobbtejha ħdejn IX-XIĦ fl-art. Tipprova tissemmagħlu qalbu.*

*Ebda ħoss.*

*Tipprova tgħollilu id waħda mill-polz u terġa' titlaqhielu. L-id taqa' mal-art bla ħajja.*

ROŻA: Madonna Santissima! Għamiltha, Fred! Għamiltha!

*FREDU jħares mibluh.*

*Id-waħda tax-XIĦ mifruxa mal-art, il-pala 'l fuq; is-swaba għadhom miftuħin, donnhom lesti biex jilqgħu xi ħaġa: l-inkwatru mkisser xibrejn 'il bogħod.*

# II ATT

## 1 XENA

*L-għada.*

*L-istess XENA ta' qabel iżda minflok il-mejda, li issa tinsab imwarrba ma' ħajt, f'nofs il-kamra hemm il-katafalk; it-tebut miftuħ tax-XIĦ jinsab imdawwar b'bosta xemgħat kif ukoll kuruni tal-fjuri lussużi.*

*Taħt it-tebut hemm bandiera kbira Maltija.*

*IX-XIĦ jinsab fit-tebut liebes kollox iswed, in-nuċċali għadu f'għajnejh u fuq sidru għandu mdendel serbut impressjonanti ta' midalji jlellxu.*

*Idu x-xellugija tinsab milwija fuq sidru, tħaddan kurċifiss, iżda l-leminija tinsab milwija fuqu f'qagħda mhux naturali, is-swaba għadhom miftuħin bħal fi tmiem l-ewwel att.*

*ROŻA tinsab bilqiegħda fuq banketta ħdejn is-sodda, f'idejha għandha l-għonnella tax-Xiħa u qiegħda tqattagħha fi bċejjeċ kwadri kwadri u tqegħedhom ġo boroż żgħar tal-plastik.*

*Il-bieb tas-setaħ jinsab miftuħ - fuqu wkoll kuruna kbira tal- fjuri u maż-żewġ faxex tal-vistu hemm tnejn oħra, bojod u ħomor.*

*FREDU u FONZU, huma wkoll libsin tal-vistu, jidħlu mis-setaħ.*

FONZU *(juri lejn ktieb iswed u oħxon li ġab miegħu*): Dik l-Onorevoli Bugeja Żammit qed ngħidlek. Ara ftit. Dik żgur 'żeta' fil-bidu u fl-aħħar hemm it-'te', ara.

FREDU: Aktar qisha 'esse' milli 'żeta'.

FONZU: U mela forsi Sammut u mhux Żammit. *(Jitfewwaq bil-pulit - xorob.)* U x'ix-xjafek jimpurtana min kienu u kif jiffirmaw. L-aqwa li ġew!

ROŻA *(issikkithom - turi lejn it-tebut)*: Xxx! Ftit tar-rispett!

FONZU *(leħnu aktar baxx):* L-aqwa li ġew, eh Fred.

FREDU *(hu wkoll ftit imlaħlaħ, imma qed jibda jgħaddilu*): Ġew ingħid! Biżżejjed tara dawk il-firem kollha!

FONZU: Eh, tara kemm tiswa l-propoganda, Fred!

FREDU *(iċekċek il-flus f'kaxxa tal-ġbir li ġab miegħu)*:Tiswa, Fonz! Jalla tiswa aktar. X'ma tagħmilx dil-gżira mbierka biex issalva ġieħha.

FONZU *(iċekċek il-kaxxa hu wkoll -jikkalkola kemm hemm flus):* Iva m'hemmx xi uffa għalissa - speċjalment meta tqis xi spiża kapitali kelli noħroġ s'issa - eh, imma dan għadu l-bidu! Ħa jisbaħ għada Fred u tara! Dak zijuk minjiera deheb jiswa! Ippjanajtha tajjeb il-kampanja jien, tibżax. Redifussion, televixin, avviżi f'ġurnali - indipendenti u m'humiex... In grande trid tagħmilhom l-affarijiet, Fred - in grande jew xejn!

ROŻA: Eh, meta tkun mejjet ma jibqagħlekx għedewwa mbagħad. Kollha ħbieb wara - basta jiġu jarawk stendut.

FONZU: Minn daqshekk!...

*FONZU jmur lejn il-mejda fejn hemm bosta bikkerini u xi fliexken tax-xorb kważi battala. Iferra' grokk.*

FONZU: Tieħu tal-aħħar, Fred?

FREDU *(jitqarras):* Mhux aktar. Għandi l-istonku qed jilgħab.

*Idaħħal idu fil-but ifittex sigarett. Minflok isib margerita bajda, mgħaffġa u midbiela.*

*Iħares lejha – ma jafx kif ġiet hemm. Jarmiha. Jerġa' jdaħħal idu fil-but u joħroġ pakkett ġdid tas-sigaretti. Jieħu sigarett u jpejjep.*

*FONZU jerġa' jferra' - jersaq bit-tazza lejn it-tebut tax-XIĦ. Jixrob. Minn griżmejh jaħrablu hoss stramb - bejn xerqa – bejn dahka.*

ROŻA *(ħarxa):* X'ġaralek issa?

FONZU *(jixxotta demgħa minn għajnejh jibbru):* Xejn; xraqt.

ROŻA: Nixtieq naf x'ridtuh dak ix-xorb.

FONZU: X'jiġifieri; jiġu mistednin, irjus kbar bħal dawk u sejjer ma toffrilhomx xi ħaġa? Il-qalb trid xi ħaġa biex tfarraġha f'waqtiet ta' emozzjoni qalila bħal dawn, Roż!

*FREDU qed iqalleb fost ruxxmata kartolini.*

FREDU: Dawn rajthom, Fonz? *(Jiftaħ u jaqra waħda.)* Kondoljanzi - b'turija ta' sogħba bla qies mill-membri taċ-Ċirklu Figli di Melita.

FONZU *(jiġi jara):* Prosit ħej! U din - mill-Onorevoli Manwel Theuma Falzon.

FREDU *(ittra oħra):* Il-Kavallieri tal-Għaqda Gran Tron ta' Pantellerija.

FONZU: Il-Kommendatur Professur Pietru Pawl di San Secondo, O.L.M., K.K., P.R.I., Ruma.... u l-kumplament tal-alfabett! Propoganda, Fred! Propoganda!

*ROŻA, l-imqass u l-għonnella f'idejha, tiġi ħdejhom tittawwal kurjuża.*

FONZU *(ikompli jaqra):* Il-Konfratelli tal-Għaqda tal-Gandlier! - L-Onorevoli Ġakbu... Ukoll! *(Idur fuq ROŻA.)* Ara x'qala' l-baħar, Roża! Tiftakru ’l dan?!

ROŻA *(taqra):* Ħeħħ! U ngħid! Issa ftakar fix-xiħ dal-bużżieqa! Issa li jinsab mejjet? Għax ma ftakarx kemm qala’ fuqu u għajru mill-ġurnali u l-pjazez!

FONZU: Dawn m'hemmx x'tagħmel, Roż. Id taħsel l-oħra. Allaħares tieħu għal li jgħidu...

ROŻA: Kollha pezza waħda...

FREDU: Le, mhux kollha! Zijjuhi le! Ma kienx bħalhom!

FONZU *(jegħmeż lil ROŻA):* Eh, dażgur li le! Tifhimniex ħażin, Fred! Zijuk ma kienx hekk. Eh, dak kien uniku imma! Ħaqqu kulma qed nagħmlu miegħu, eh Roż?

ROŻA: Ara toqgħod tegħmeż xejn int. Naf tajjeb x'inhu għaddej mir-ras ħażina li għandkom! Lil tal-gazzetti tbellgħuhielhom għax min jaqbillu jiblagħha jiblagħha, imma mhux lili taf, Fred!

FREDU: X'jibilgħu? Kulma ktibt, Roż, kollu minnu! Intom stess għallimtuhuli! Kieku ma kienx minnu taħseb li kienu jiġu dawk l-irjus kbar kollha f'dil-miżerja ta' kerrejja!

ROŻA: Dmugħ tal-kukkudrilli - dmugħ tal-kukkudrilli, Fred! U int taf tapprofitta ruħek ukoll, Fonz. Int webbiltu...

FONZU: Ara jien ma webbilt xejn, Roż!

FREDU: Webbilni x'jiġifieri?! Mhux intom dejjem ittanbruli kemm kien raġel kbir - ħadtuli l-menti ta' rasi! Tajjeb, ikkonvertejtuni saflaħħar! Intbaħt x'inhu dmiri issa, Rożż!

*FREDU jersaq lejn il-katafalk ta' zijuh. Jieħu l-bandiera f'idejh.*

FREDU: Ismagħni, oh gżira ingrata! Isimgħuni, ħuti Maltin! Huwa dmir tiegħi iva li nurikom x'raġel kbir kontu qed tkasbru! Ma nħallux aktar il-barrani jiddieħak bina, ħuti! *(Eleġija: imkeffen fil-bandiera madwar spallejh idur madwar it-tebut)* Nuru lid-dinja li l-eroj tagħna nafu kif inqimuhom - nuruha tabilħaqq! U mhux kif konna se nagħmlu mal-imsejken zijuhi... Għax - għajb għalina! - imma zijuhi - l-ewwel eroj ta' Malta Indipendenti - l-akbar eroj tas-seklu għoxrin - dan zijuhi kien se jkollu - nistħi ngħidha! - kien se jkollu... funeral tal-fqar! Istħi! Ibki u istħi, oh gżira infeliċi! Ma tħossux, ħuti Maltin, fawra titlagħlkom għal wiċċkom quddiem kedana l-għajb - kedina l-inġustizzja! Mela npattu, ħuti - inpattu lkoll. Niġbru ġieħna quddiem għajnejn id-dinja u npattu billi kull wieħed minna jagħti l-kontribut tiegħu biex kedana l-eroj tagħna jibqa' mfakkar bil-monument kolossali li se nibnulu. U tabilħaqq ngħidilkom li ismu ma jmut qatt u jitniżżel fi Ktieb il-Ġrajjiet tad-Dinja b'ittri tad-deheb! Ħuti Maltin...

FONZU *(iċapċap):* Tad-deheb, hekk hu! M'hawnx għalik, Fred! Hekk Fred, hekk għidilhom fil-funeral għada! Qanqalhom! Urihom li temmen f'li qed tgħid!

FREDU *(kiebi):* Nemmen. U tassew - jien stess - ukoll dal-ħin, bilkemm ma nistħajjilx li għadni qed nisimgħu dak... il-ħoss.

ROŻA: X'ħoss?

FREDU: Qed ngħidlek, dak il-ħoss... Kultant, impressjoni ta-mument, imma hekk, donnu nerġa' nisma' dak il-ħoss ta'qalbu tħabbat.

FONZU:Qalb ix-Xiħ?! *(Ma jafx jidħakx jew le)* Eh- iva, eh? Tara - tara, Roż eh?

FREDU: Qalbu... *(Jissemma'għal xi waqtiet, imbagħad bħal jistenbaħ f'daqqa. Jidhak, iżda mhuxb'konvinzjoni.)*X'kull waħda, hux? X'ma jpasparx moħħ il-bniedem!

FONZU: Eh, dak biex tara kemm int titkellem minn qiegħ qalbek, Fred!

FREDU: X'ma... jpasparx. (*Iqiegħed il-bandiera lura ħdejn it- tebut.)*

FONZU: Qalbek tad-deheb int, u dik hi. Ma stajtx titkellem aħjar.

FREDU: Ma stajtx.

FONZU: Pero stajt issemmi li l-idea tal-ġabra għall-monument kienet tiegħi ukoll. S'issa jien biss ħriġt sehmi.

FREDU: Ibqa' ċert Fonz li Malta kollha tibqa' tafulek.

FONZU: Iva, senzaltru, imma nippreferi li tibqa' tafuli int, Fred - jekk tifhem xi rrid ngħid.

FREDU *(il-kaxxa tal-ġbir f'idejh):* Hekk baqa' jonqos, Fonz. Aħna mbagħad meta niġu biex... insomma, meta nagħmlu l-kontijiet, naqsmu l-ġieħ kollu bejnietna, tiħux ħsieb.

FONZU: Il-ġieħ, hekk hu. Il-ġieħ. *(Taħt l-ilsien) Fifty-fifty* flimkien mal-ispejjeż, eh.

ROŻA: Tagħmlux kummiedji għal ġieħ wiċċi, tafux. Naf sewwa x'inhu għaddej minn dik ir-ras ħażina li għandkom, biex ma taħsbux!

FONZU: Hemm aħna! Allaħares kulħadd kien bla fidi bħalek, Roż! Hekk tiġri l-kalunja - il-malafama! M'għadx baqa' fiduċja fost il-bnedmin, u dik hi! Fejn hi l-onestà - l- integrità ta' żmieni! Is-sinċerità - il-vera rġulija! Fejn hi l- karità Kristjana?!

ROŻA: Hi, fejn taf!

FREDU: Kulma qed nagħmlu huwa biex inqajmu l-kuxjenza patrijottika ta' pajjiżna! Jeħtieġ li nies bħal zijuhi jingħatalhom il-ġieħ!...

ROŻA: Terġax tibda int! Aħjar ħsibtu tagħmlulu quddiesa għal ruħu - u ruħkom ukoll kif tkunu fiż-żifna.

FONZU: Roża, oħti, ma tistax taħseb għal kollox f'din id-dinj a. Dak ix-xogħol ħallejnieh għalik. Aktar tinqala' int fejn jidħlu noveni, ġagulatorji u x'naf jien. U milli qed nara 'ġà bdejt ix-xogħol ta' fejda tiegħek int. *(Jieħu waħda mill-boroż tal-plastik.)*

ROŻA: Itlaq kollox! Imma kemm tħobb tbagħbas!

FREDU: Għaliex? Dawk x'opra ta' karità ssejħilhom int, Roż?

ROŻA: U int ukoll - tmiss xejn! La tridu tafu dawk biċċiet mill-għonnella tax-Xiħa. Se nagħmluhom mas-santi tagħha u nqassmuhom.

FONZU: B'xejn, Roż?

ROŻA: Ma nafx kemm se joħdilna l-istampatur għas-santi. Jekk jibqa' xi ħaġa żejda nagħmlu quddies jew tnejn għax-Xiħa... lil dik ir-ruħ qaddiesa tas-Sa Kunċett.

FREDU: Mela sewwa smajt jien. Taf Fonz li din Mena ta' taħtna diġà qed tgħid li dal-lejl ziti Kunċett ħollmitha biex tilgħab lottu ma nafx kemm-il numru? Din ziti wkoll, ma titlifx żmien. Kif waslet hemm fuq mill-ewwel tatha għax-xogħol!

ROŻA: M'intomx se tħalluni bil-kwiet, hux? Xammejtkom jien. *(Tibda tiġbor ħwejjiġha.)* Jien sejra. Sidor qalli li dawk li għandhom jagħmlu l-velja l-lejla għandhom ikunu hawn għal x'is-sebgħa. Ħudu ħsiebhom intom.

FONZU: Għal għada, għall-quddiesa preżenti kadavri, kellimtu lis-sagristan?

ROŻA: Għat-tmienja u nofs. Semma' wkoll li se jġib xi tfal mill-orfanatrofju. Qalli li int webbiltu.

FONZU: Jien mela. Sejrin inħassru borma għal melħa, jew?

ROŻA: Fi ħsiebek.

*Tkun se toħroġ, iżda terġa' lura, tmur lejn il-katafalk u titfi x-xemgħat.*

FONZU: Dawk kif 'ġà niżlu sa nofshom, Roż?

ROŻA: X'int taħseb li qed nikolhom jew? Ara li ttuni flushom, tafux; dawk minn buti wara kollox.

*ROŻA tohroġ.*

*Tieqaf biss fil-bieb biex tiġbor ġewlaq mimli mbarazz li kellha moħbi fl-intrata. Tiżgiċċa 'l barra.*

FONZU *(jilmaħha):* Oj hemm, Roż! Mela rġajna koppi!

FREDU: U ħalliha, Fonz. Kulħadd tiġih sigħetu.

FONZU: U int ma tafhomx bħali 'l dawn in-nies, Fred. Li kien għalihom iqaxxruk ħaj. U jekk tħallihom sa l-għadma jmeximxulek. Għandek tgħid dalwaqt teħles minna lkoll int. Min jaf x'għall-erwieħ tgħid malli tasal il-Kanada.

FREDU: Meta nasal.

FONZU: Għaliex? Kemm jista' baqagħlek hawn?

FREDU: Malli neħilsu dil-biċċa xogħol *(juri lejn il-kaxxa tal-flus)* inbewweċ ikolli, irrid jew ma rridx.

FONZU: Tagħmel sew. Mur, mur Fred. Hemm issib xortik.

FREDU: U int tkun tista' tikri hawn - mhux hekk, Fonz?

FONZU: Ma ħaqqnix? Ili tant nistenna!

*FREDU jgħolli spallejh. Bil-mod il-mod jibda tisfira melankonika, waqt li jiġbor minn taħt is-sodda l-kaxxa li fiha kienu nstabu l-biljetti tal-lottu u s-santi. Iqalleb fosthom.*

FONZU: Isma', mhux sew issaffar hekk, Fred. Ftakar li hawn il-mewt taħt das-saqaf...

FREDU: Il-mejtin ma jisimgħux. *(Isib fil-kaxxa l-inkwatru mkisser tas-"Sette Giugno". Ihares lejh fit-tul.)* Ma jisimgħux...

FONZU: Irrid ngħid, 'qas ħaqq jisimgħuk il-ġirien. Ftit tad-dinjità...

## 2 XENA

*Iż-żaqżiq tal-bieb jiġbed il-ħars ta' FREDU u FONZU lejn l-intrata.*

*Wiċċ IT-TIFEL ta' Roża jitfaċċa wara l-bieb imbexxaq.*

FONZU: Huwa int? Mur għand dik ommok, isa.

TIFEL: Haw' - haw' in-nies, Sur Fonz.

FONZU: Nies? Għalija? *(Iqum.)*

*Wiċċ IT-TIFEL jisparixxi minn wara l-bieb.*

*Il-bieb jinfetaħ u jidħlu Ż-ŻAGĦŻUGĦ u T-TFAJLA; hu nervuż, liebes libsa pulita, forsi żżejjed, xagħru qed jiħfieflu, - hi sabiħa u fuq tagħha, iżda mhux ta' intelliġenza partikolari.*

FONZU: Hawn, lili tridu intom?

ŻAGĦŻUGĦ: Skużi, int is-Sur Fonz? Hawn... eh.... *(Jieqaf iċċassat - ħarstu fuq it-tebut f'nofs il-kamra.)* Eh, le... naħseb ħadna żball. Skużawna... *(Ikun se jerġa' joħroġ iżda T-TFAJLA żżommu.)*

TFAJLA: Skużi, xtaqna nkellmu lis-Sur Fonz. Bagħatna Bendu s-sensar.

FONZU: Eh iva! Jien is-Sur Fonz! Qalli Bendu li kellu jiġi xi ħadd jara l-flat. Għaddu, għaddu. Bonasera.

ŻAGĦŻUGĦ *(jidħol wara T-TFAJLA):* Bonasera. Milli qed nara ġejna ftit ħin ħażin. *(Ħarstu dejjem fuq il-katafalk.)*

FONZU: Ħin ħażin għala?... *(Jiftakar. Malajr ineħħi l-beritta.)* Iva, hekk hu tabilħaqq. Għadna kemm ġarrabna telfa kiefra. Malta kollha tinsab imkeffna f'sogħba profonda. Forsi qrajtu fil-ġurnali?...

TFAJLA: Liema ġurnali? Aħna ma nixtrux ħlief...

ŻAGĦŻUGĦ *(malajr)*: Qrajna xi ħaġa. Kien raġel kbir skond ma jgħidu.

FONZU: Kbir?! Eroj kien! Eroj, Alla jaħfirlu! *(Jiġbed nifs twil ta' sogħba.)* Il-Mulej jagħtihom il-mistrieħ ta' dejjem. *(Jerġa' jdeffes il-beritta lura f'rasu.)* Imma - hekk kellu jkun. Idħlu, idħlu tibżgħux. Għiduli, x'jidhrilkom mill-flat? Jilqgħek hux?

TFAJLA: Liema flat skużi?

FONZU: Tajba din. Isma', intom mhux Bendu għedtu li bagħatkom? Mhux biex tikru hawn ġejtu?

ŻAGĦŻUGĦ: Hawn?!

FONZU: Eh, mela. X'jidhrilkom eh; hux kemm jilqagħkom?

TFAJLA: Eh mela dan hu l-flat ?

FONZU: Dan eh. Din l-art, dawk t'hemm il-ħitan u xi mkien hemm fuq is-saqaf. Dan flat insejħulu s-soltu aħna.

ŻAGĦŻUGĦ *(xejn impressjonat)*: Eh dan allura.

FONZU: Dan eh. Imma ma tridux tarawh hekk, b'dan l-imbarazz. *(Ineħħi xi siġġu min-nofs, xi gandlier - jiżbarazza.)* Ma tobsrux minn xiex għaddejna f'dawn l-aħħar jiem. Żewġt imwiet kellna hawn; waħda fuq l-oħra. Ma temmnux x'taħbiet jaqilgħu, speċjalment mewta ta' eroj imbagħad. Għidilhom, Fred!

FREDU: Hekk hu. F'jumejn ma tobsrux x'jinqala', Sinjorina. Sinjorina?...

TFAJLA: Kathleen.

FREDU: ...Kathleen. Jien Freddy.

ŻAGĦŻUGĦ *(josservahom xi ftit inkwetat jieħdu b'idejn xulxin):* Isma', imma dil-kamra biss hawn allura? Bendu qalilna li se nsibu appartament sħiħ. Semma' kamra tal-ikel, salott, intrata!...

TFAJLA: ...Kamra tas-sodda bil-banju... U bejt ukoll!

FONZU: U hekk hu! Din araw - din il-kamra tas-sodda *(Juri lejn is-sodda.)* Dik t'hemm il-kamra tal-ikel *(lejn il-mejda)* - li tista' sservi ta' salott ukoll! - u dik il-kċina! *(il-fuklar.)* Din t'hawn imbagħad l-intrata! *(ħdejn il-bieb ta' barra.)* Eh, hawn mhux żgħir daqs kemm wieħed jista' jaħseb. Naturalment intom m'intomx se żżommu sepulkru sħiħ f'nofs is-salott tul ħajjitkom kollha.

ŻAGĦŻUGĦ: Naturalment.

TFAJLA: Dak ikollu jitneħħa, mhux hekk, Freddy?

FREDU: Naturalment.

FONZU *(sarkastiku):* Naturalment. Qed nara li għandkom ideat ċari dwar arredament modern.

TFAJLA: Oswald tiegħi għandu istint mill-aqwa għal dik li hija prattikabiltà.

FREDU: M'għandix dubju.

FONZU: Insomma, iva mela, u din il-kamra tal-banju. *(Ikompli juri lejn il-bieb ħdejn il-kċina. Ibexxqu.)* Tatux każ dal-ftit imbarazz hawn ġew; kif qed ngħidilkom, jekk tneħħu dak il-barmil u dik l-iskuża xkupa ibqgħu ċerti li jkun hemm fejn tidħol persuna ta' talja medja.

ŻAGĦŻUGĦ: Iva, jista' jkun. Imma milli qed nara morna mqarrqin. Ħsibna li se nsibu tlett ikmamar imdaqqsin sew. U barra dan jidher li hawn se jkollna ndum dawra sew ma' dil-kamra qabel issir abitabbli.

FONZU: U le, le. Bi ftit tibjid malajr tirranġa kollox!

FREDU *(lit-TFAJLA)*: Hekk kont ngħidlu lil zijuhi jien – dak t'hemm zijuhi. (*Bi ftaħir - juri lejn it-tebut.)*

TFAJLA: Tassew; għandi pjaċir!

FREDU: Tant ieħor hu. Kellu manija iżda. Ma kien jaħmel jara 'l ħadd ibajjad. Kont ngħidlu jien. "Trid inbajjad?" Kont ngħinhom kieku qaluli x'riedu minni... Imma xejn; qatt ma ried jaf b'tibjid. Kien

jippreferi jara l-ħitan għerja, fl-istat naturali, kif kien jgħid hu.

ŻAGĦŻUGĦ: U qed nara, qed nara jien!

TFAJLA: Imma kieku stess aħna mhux water paint nużaw, Ossy?

FONZU: Ġir! Tagħmel festa b'xelin! Tistagħġeb kif tieħu r-ruħ kamra b'naqra tikħil u tiċpisa tibjid! Ara, intom tħabblu raskom xejn; issa ngħid lil ħatni jiġi jara x'hemm bżonn isir. Tibżgħux, dak bħali, raġel tar-ruħ - ma jagħfaskomx żgur.

FREDU: U tkunu tridu lili ssibuni nagħtikom daqqa t'id jekk ikollkom bżonn, Kathy.

TFAJLA: Tassew? Grazzi! Aħna nħallu kollox f'idejkom...

ŻAGĦŻUGĦ: U xi tħalli f'idejhom, Kathy ruħi! Għadna 'qas biss iddeċidejna dal-post jgħoddx għalina jew le!

FONZU: U kif ma jgħoddx għalikom, int! Da' xi jrid? Xi Buckingħam Palace jewwilla?!

ŻAGĦŻUGĦ: Għax ma nafx jien, imma dal-post jidher traskurat wisq. U mhux żgur hawnx l-umdu wkoll.

TFAJLA: Oswald tiegħi ibati bir-rewmattiżmu miskin. U l-kostipazzjoni wkoll.

ŻAGĦŻUGĦ: Kathy! - Imma tassew, araw ftit dawk il-ħitan; naqta' rasi li dak umdu li qed nara jqattar!

FONZU: U x'int tara! Dak għax inqasmet daqsxejn ta' kanna, dak kollox! Qed ngħidilkom, ftit tibjid kulma jeħtieġ. U isma', fuq kollox, intom għadkom ma rajtux il-bejt. Meta kont żgħir kont nitla' hemm fuq intajjar it-tajra.

Niftakar kont tara tliet kwarti ta' Malta taħti minn hemm fuq!

FREDU *(lit-TFAJLA):* Dak iż-żmien. Issa tara biss il-ħajt tal-fabbrika tal-luminata faċċata.

FONZU: Imma dik fabbrika moderna! Dik luminata! U bla ċiklamat! Ejjew intom; ejjew araw il-bejt. *(Imexxihom 'il barra.)*

ŻAGĦŻUGĦ: Jien ma niħux luminata. Għandi d-diabete...

FONZU: Ukoll! U int ejj'ara; taħsibx għal rasek biss. Ftakar f'martek u uliedek! Ejjew!

*FONZU, IŻ-ŻAGĦŻUGĦ u T-TFAJLA joħorġu.*

## 3 XENA

*Tidħol ROŻA mat-TIFEL.*

ROŻA *(burdata ħażina)*: Min kienu dawk?

FREDU: Żewġ boloh li jemmnu li għandhom għoxrin sena ċens flimkien.

ROŻA: M'għandix aptit il-ħaġa moħġaġa, Fred!

FREDU: Ġew biex jikru. Ma rajtux wiċċu għad-dawl Fonzu?

ROŻA: Għarukaża. U int ma tgħidlu xejn? Zijuk għadu bilkemm kesaħlu demmu f'ġismu u 'ġà qed taħsbu biex tbigħulu s-saqaf minn fuq rasu!... Puhh! Irid jikrih issa Fonzu, ħej. Li ħalla f'idejja malajr kont nirranġalu jien. Imma ried iqabbad lil ħatnu Bendu,

tarax. Iġewwes lil razztu misħuta l'għandu jrid imma s-Sur Fonz!

*FREDU jħalliha tgerger. Jaqbad kaxxa suffarini biex jixgħel ix-xemgħat madwar it-tebut.*

ROŻA: Int se tagħtini l-flus ta' dawk ix-xemgħat, jew? Biex tixgħelhom tinqala' kieku!

FREDU: U iva, għal dal-ftit xelini! *(Jitfi s-suffarina. Lix-XIĦ.)* Agħdirni, Zi, imma hekk jew hekk, jekk tinsab Hemm Fuq m'għandekx bżonn dawl u jekk tinsab Isfel għandek sħana biżżejjed, aktar milli tixtieq ikolli ngħid.

ROŻA: Imma lanqas f'mewtu ma taħmlu kwiet? L-ewwel qtiltu bil-għali, u issa...

FREDU *(b'qilla)*: Int tindaħalx, Roż! Tindaħalx! - Wara kollox, x'taf fuqi int? Eh, x'taf?

ROŻA: Naf li naf.

FREDU: X'taf?! Taf pereżempju li kont nirrispettah lil zijuhi jien? Tafu dan jew le?

ROŻA: Iva!

FREDU: Kont mela ma kontx! Ma kontx naħmlu imma kont nirrispettah - kont nirrispettah kif naf jien. Taħseb li ħaġa ħafifa tagħmel għomrok iżżomm bla mittiefes il-ħolm tiegħek - tibqa' temmen fihom sa l-aħħar kif għamel hu? *(Jieħu l-biljetti tal-lottu u l-affarijiet oħra li hemm fuq il-mejda.)* F'dawn kien jemmen, xi trid tagħmel? Imma qatt ma qata' qalbu!... U għalhekk

kont nirrispettah. Waqt li jien - jien miet kmieni wisq il-ħolm tiegħi. Stenbaħt qabel il-waqt u sibt biss li kont qed noħlom. U nipprova kemm nipprova nerġa' norqod - għalxejn. M'għadx baqa' ħolm li wieħed ta' min joħolmu.

ROŻA: Ma ħmiltux fil-paċi, dik hi. Kien sab il-mistrieħ f'dawn l-aħħar snin. Kien kuntent hawn; hu joħlom u s-Sa Kunċett tilgħab lottu n-numri li joħlom.

FREDU: Biex imbagħad qatt ma jirbaħ xejn. Le Roż, in-numri li toħlom malajr issib li m'humiex fost dawk li jistgħu jitilgħu. Għalhekk kont ninkedd għalih! Kieku xi darba rebaħ xi ħaġa. Imma xejn - xejn li xejn! Possibbli imma -possibbli dawn il-biljetti kollha - possibbli li qatt ma rebħu

*FONZU u ż-żewġ zgħażagħ jidħlu lura fil-kamra.*

ZAGĦŻUGĦ: ...Impossibbli! Mitejn wisq u tgħidli xejn! Imbagħad għal post bħal dan! Mija l-aktar, u anki mija wisq!

FONZU: Wisq!? Mela ħsibtni minn wara l-muntanji lili jew? Mitejn! U qed ngħidilkom, lanqas tafu kemm qed inkun ġeneruż magħkom. Kieku jsiru jafu l-awtoritajiet li hawn dal-post storiku għall-bejgħ, l-eluf kbar joffruli għalih! Min jaf kemm jibdew isiru pellegrinaġġi bil-fjakkli għal das-santwarju fejn għex u miet l-akbar patrijott ta' żmenijietna! - Marret mitejn?

ŻAGĦŻUGĦ: Impossibbli - ma nistgħux. Mnejn tridni nġibhom il-mija l-oħra?

TFAJLA *(b'ispirazzjoni)*: Min jaf kieku tbigħ il-karozza, Ossy?!

ŻAGĦŻUGĦ: Inbigħ!... Kathy, int agħlaq ħalqek! Ħalli lili niftiehem mas-sinjur!

TFAJLA: Ossy! *(Tinfaqa' tnewwaħ.)*

FONZU: Hemm int, bikkejtha! Isma' minnha ibni - isma' minnha. Issa bħalek xi tridha karozza - dad-disgrazzi kollha? Xi trid biex tmutilha qasir il-għomor miskina meta taf li 'ġà għandek ir-rewmattiżmu, id-diabete, l-ażżma...

ŻAGĦŻUGĦ: Skużi, l-ażżma m'għandix! -Isa, Kathy ruħi; I'm sorry; tibkix.

FONZU: U insomma - il-kostipazzjoni jekk mhux l-ażżma. Mitejn - mitejn u marret. Tittantax il-providenza, ibni!

TFAJLA:U isa, Ossy!

ŻAGĦŻUGĦ: Ma nafx jien...

TFAJLA: U isa.

ŻAGĦŻUGĦ *(iċedi)*: Insomma. Imma tiġix tnewwaħli wara li nkunu fattarnieha!

TFAJLA *(tbusu)*: Thank you, Ossy!

FONZU: Fatta mela! Mitejn! Ħamsa '1 hawn, Ginger. *(Jieħu b'idejn iż-żagħżugħ.)*

TFAJLA: Ngħaddu għada biex nikkurdaw kollox mela!

FONZU: M'għaġġlin milli jidher intom. Għada iżda hemm il-funeral tax-Xiħ. L-aħjar tħallu għal pitgħada.

FREDU: Iżda jekk tridu tistgħu tiġu għall-funeral intom ukoll, Kathy.

FONZU: Hekk hu! Anzi, aħjar; niddiskutu kollox tul it-triq. Se jkun funeral memorabbli!

ŻAGĦŻUGĦ: Tajjeb, għal għada mela.

FONZU: Għal għada, 'k Alla jrid. Ħa nwassalkom, ħa.

*FONZU u Ż-ŻAGĦŻUGĦ joħorġu, IT-TFAJLA titnikker wara.*

TFAJLA *(lil FREDU)*: Ċaw, Freddy. Taħseb li l-iswed ikun jixraqli?

FREDU: Għall-funeral? M'hemmx dubju, ruħi...

ŻAGĦŻUGĦ *(isejħilha minn barra)*: Kathy! Tlaqna aħna!

*IT-TFAJLA thaffef tohroġ.*

## 4 XENA

ROŻA: Sabhom għal snienu Fonzu.

FREDU: U dawk iż-żewġt imsejkna se jiġu hawn flok zijieti. Possibbli ma setax isib xi ħadd aħjar?

ROŻA: Kieku ħalla f'idejja kont insiblu, mela ma kontx. Kien hemm wieħed Ingliż kien lest iħallas il-belli liri. U flus fil-pront dak, Fred!

FREDU: Imma barrani.

ROŻA: Flus fil-pront! Tar l-għasfur imma issa. Puu, donnu 'ġà beda jidlam. Dat-temp ma tiħodlux kopja.

FREDU: Riħ isfel. *(Ifittex biex ikebbes sigarett.)* Fejn tlaqthom is-suffarini?

ROŻA *(tixgħel il-lampa tal-pitrolju)*: Għarukaża. Se nimlew kullimkien riħa ta' pitrolju hawnġew. Għax ma tarax x'tagħmel għal dawk il-kontijiet tal-elettriku?

FREDU: Dalwaqt, Roż, dalwaqt. Malli jkolli dawk l-erba' soldi tiħux ħsieb; kollox inħallas *(Jieħu s-suffarini ta' ROŻA biex imur jixgħel ix-xemgħat.)*

ROŻA: U aħsibli għall-flus ta' dawk ix-xemgħat mela, eh?

FREDU: Iva! *(Jieqaf" suffarina mixgħula f'idu.)* Imma jista' xi ħadd jgħidli x'għandhom bżonnhom ix-xemgħat il-mejtin, Roż?

ROŻA: Ara jekk ma tridx tixgħelhom xejn, tafx. Fuq kollox dak zijuk mhux zijuhi.

*FREDU jixgħel sigarett flok ix-xemgħa. Bil-kaxxa tal-ġbir f'idejh imur lejn is-sodda u jinxteħet fuqha jgħodd il-kontribuzzjonijiet.*

*ROŻA mehdija tirranġa l-ftila tal-lampa.*

*IT-TIFEL idur mal-kamra. Jieħu l-kaxxa tas-suffarini mill-mejda. jaqbad siġġu u jmur lejn it-tebut tax-XIĦ.*

*Jitla' fuq is-siġġu u jixgħel ix-xemgħat. Meta jlesti jieqaf iħares lejn IX-XIĦ - speċjalment lejn idejh.*

*Idawwar ħarstu mal-kamra, imbagħad jinżel mis-siġġu, imur lejn is-sodda u jieħu l-gwarniċ imkisser minn idejn FREDU.*

FREDU *(bla ma jgħolli ħarstu mill-flus):* Mur 'l hemm int.

*IT-TIFEL jieħu l-gwarniċ miegħu lejn it-tebut u jerġa' jitla' fuq is-siġġu. Bir-reqqa kollha jqiegħed il-gwamiċ f'idejn IX-XIĦ.*

*Tistema' taħbita tal-qalb - taħbita waħda biss - iżda li donnha tidwi u tfaqqa' mal-kamra kollha.*

*IT-TIFEL bil-ħasda jaqa' minn fuq is-siġġu.*

*FREDU u ROŻA jgħollu rashom maħsudin u jħarsu lejn it-tebut.*

*Id IX-XIĦ tibda titħarrek bil-mod sakemm tingħalaq marsusa fuq il-gwamiċ... u bil-mod il-mod il-qalb terġa' tibda tinstema' thabbat regolari bħal qabel.*

FREDU *(bilkemm jiflah iqum bilwieqfa)*: X'ix-xjafek!...

ROŻA *(imwerwra):* Madonna Santissma!

*Mal-ħoss tal-qalb tħabbat il-bibien tal-appartamenti l-oħra tal-kerrejja jinfetħu wieħed wara l-iehor, l-uċuħ tal-ġirien, skantati u maħsudin, jixirfu bis-serqa minn wara l-koxox tal-bibien.*

*Lura fuq, fil-kamra tal-kerrejja, FONZU jitfaċċa bħal sajjetta fil-bieb, għajnejh imberrqin jiġru mill-ewwel fuq it-tebut.*

ROŻA *(safra mewt - trodd is-slaleb):* Madonna Santissma - dan hu! *(Turi lejn IX-XIĦ.)*

FONZU: Hu? X'int thewden!?

ROŻA: Hu dan! Santa Barbara! Dan hu qed ngħidlek! *(Tinġibed lura lejn il-bieb.)* Irxoxta! Reġa' rxoxta!

FREDU *(jersaq lejn it-tebut)*: Minn hawn ġej il-ħoss kieku... U din - din donnħa qalbu - qalbu tħabbat! Dan mhux mejjet, Fonz!

FONZU: X'intom tħawdu! Ma jistaxikun! *(Jersaq lejn it-tebut, aktar imgħaddab milli mbeżża'.)*

FREDU: Ismagħha! Din qalbu!

ROŻA: Reġa' rxoxta! Rejkwematernam Skantimpaċe! Irxoxta!

*IT-TIFEL iqum mill-art u jiġri 'l barra.*

IT-TIFEL: Irxoxta! *(jgħajjat ferħan.)* In-Nannu rxoxta! In-Nannu reġa' rxoxta!

*Leħen IT-TIFEL jinstema' jirbombja u jidwi mal-kerrejja kollha.*

FREDU *(mibluh ħdejn IX-XIĦ):* Din qalbu qed ngħidlek, Fonz - af li dan mhux mejjet!

FONZU: X'jiġifieri mhux mejjet imma! Dan mejjet ħallejtu jien! ...Mur żomm lil dak it-tifel qabel jagħmel xi waħda!

*Fil-bieb jitfaċċaw IŻ-ŻAGĦŻUGĦ u T-TFAJLA.*

ŻAGĦŻUGĦ: Skużi, imma dal-ħoss minn hawn ġej?

FREDU *(lil FONZU)*: Rajtx! Huma wkoll qed jisimgħuh! Din qalbu!...

FONZU: U x'jimpurtani minn qalbu l-ħadra li kellu! Dak mejjet u roddlu salib ammen! Ma ġibniex tabib aħna? M'eżaminahx u kkonferma li miet? Sa ċ-ċertifikat iffirma! Fejn hu - mhux għandek kien?...

FREDU *(joħroġ iċ-ċertifikat mill-but)*: Hawn...

FONZU *(jaħtafulu)*: Hemm ara! Aqraw! Dak mejjet - tafu taqraw jew ma tafux? Dak mejjet!

FREDU: Uffiċjalment - legalment, iva, imma...

FONZU: Eh, imma xejn! La uffiċjalment u legalment dan mejjet - mejjet ikollu jibqa'!

FREDU: Għajnejh ma fetaħhomx kieku...

FONZU: U lanqas jiftaħhom! Minn dejjem ma kienx jaħmilni dak! Kien jaf li qatt ma vvutajtlu! Għalhekk baqa'

ħaj, sena wara l-oħra - biex ipattihieli u ma jħallinix nikri dan l-appartament! U issa li jinsab id-dinja l-oħra - in-nar tal-infern igerrimlu ruħu! - issa li għamilna minn kollox biex nagħmlulu difna papali, issa se jkompli jitfagħli l-bsaten fir-roti. Ma jaħmilx jarani naqla' erba' soldi!

ROŻA: Dan xogħol id-dimonju, barra minn hawn is-siegħa ta' dal-ħin!

*ROŻA trodd aktar slaleb.*

*IŻ-ŻAGĦŻUGĦ u T-TFAJLA, ma jissugrawx jidħlu fil-kamra, jagħmlu bħalha, ipnotizzati.*

FONZU: Dimonju jew xitan, mhux se nħallih iqajjimuli mill-mewt! Hawn għandi dil-karta. *(Iferfer iċ-ċertifikat tal-mewt.)* u biha u bih b'kollox nibqa' sejjer saċ-ċimiterju, ukoll jekk ikolli nħaffirlu fossa jien stess! Qed tisma' ja xiħ żmagat, lili ma tagħmilhielix - u daqshekk!

FREDU: X'għandu hemm? *(Juri lejn il-gwarniċ f'idejn IX-XIĦ)* Dak kif ġie hemm?

FONZU: Intom tafu! Jien magħkom fdajtu. Imma lanqas ma' kadavru ma tista' tafdakom intom li ma ssibux mezz u tqajmuh!

*FONZU jissielet biex jipprova jieħu l-gwarniċ minn idejn IX-XIĦ iżda għalxejn.*

ROŻA: Santa Barbara! Dan invażat! Daħal xi xitan ġo fih żgur! Min jaf kieku nibgħatu għall-Arcipriet - jitfagħlu ftit ilma mbierek?...

FONZU: Ħallik mill-Arċipriet! Ara int ma tifhimx, Roż! Din kwistjoni purament medika! La ċertifkat ta' tabib lawrejat u kompetenti jistabbilixxi li dak legalment jinsab mejjet, ebda dimonju m'hu se jqajmu. Se nibdew niddubitaw mill-integrità tal-professjoni medika issa wkoll! Baqax! Dak mejjet u s'għada hawn inkun krejtu jien. 'Ġa ftehemt kollox ma' das-sinjur...

ZAGĦZUGĦ: Isma', imma jekk dak ikun għadu hawn - jekk għadu ħaj...

FONZU: Ħaj!? Mela tassew ma tafx taqra int, jew? Hawn, ara. *(Ideffislu ċ-ċertifikat taħt imnieħru.)* Trombosi kurunarja. Kuntent? Jekk ma tmurx id-dinja l-oħra bi trombosi, biex trid tmur!?

TFAJLA: Imma skużi, dal-ħoss - din mhux qalbu? Ismagħha...

FONZU: Isimgħu tafux; jekk bi ħsiebkom terġgħu lura minn kelmtkom għiduli tibżgħux. Insib lil min nikri - jekk taqta' nsibx! Intom tibqgħu b'xiber imnieħer iżda, bla saqaf fuq raskom! U tistgħu tmorru tixxejru - intom u r-rewmattiżmu, id-diabete u l-kostipazzjoni tagħkom b'kollox!

ZAGĦŻUGH: Isma skużi, qiegħed forsi tinsinwa xi ħaġa?...

TFAJLA *(fuq kliemu - lil FONZU):* Int min qallek li reġa' bdielna wara kollox?

ŻAGĦŻUGĦ *(deċiż):* Dak iżda *(juri lejn it-tebut) dak* ma jistax jibqa' hawn!

FONZU: U ma jibqax! S'għada jkun taħt ħames piedi terrapin - nagħtikom kelmti - kelma ta' Fonzu l-Broxk!

ŻAGĦŻUGĦ: Basta. L-aqwa li jsir kollox legalment u regolari.

FONZU: Legalmentissmu! Regolarissmu! L-aqwa ċ-ċertifikat! Dan l-aqwa. U intom ukoll, Roż, Fred - aħsbu għal raskom tafux. Wara kulma ħejjejna, wara dik il-propoganda u l-ispiża kapitali li ħriġna ma nistgħux immorru lura issa...

FREDU: Għaliex?...

FONZU: Tistaqsini għaliex?! Minħabba din, Fred! *(Juri lejn il- kaxxa tal-ġbir.)* Għalhekk, Fred. U minħabba dawn, Roż *(Jiħodlha mill-but tal-fardal xi boroż bil-biċċiet tal-għonnella mqattgħa u xi santi.)* Minħabba kollox, jekk qed tifhmuni, Roż.

ROZA: Fħimtek, Fonz. Dan xogħol id-dimonju. U jien mara tal-galbu u ma nħalli ebda dimonju jidħolli fl-affarijiet tiegħi.

FONZU: Mara int, Roż! Ftehemna mela eh, Fred?... Kollox bħal qabel għadu...

FREDU: Bħal qabel?... *(Ixengel rasu - donnu qed jistenbaħ minn ħolma.)* Bħal qabel, iva. ...Għalxejn, Fonz. Rebħilna, m'intix tara?

FONZU: X'rebaħ?... X'int thewden issa int?

*Minn barra l-kamra sadanittant tibda tinstema' għagħa ta' nies tilgħin it-taraġ.*

*FONZU jħares lejn il-bieb inkwetat.*

FREDU: Hu rebaħ. Hawn se jibqa' dan, Fonz. Ismagħha qalbu!...

FONZU: Razztek il-miġnuna l'għandek nisma'! Fred, irraġuna; dak miet u spiċċa!...

FREDU: Le, le Fonz. Hawn għadu - hawn jibqa'. M'intix tifhem - dak ma mietx - ma jmut qatt! Hawn se jibqa' – ċens perpetwu!

FONZU: Ibleh! Miġnun! Ara jfettillek tgħallatni issa, Fred! Hawn irrid nikrih!...

*L-għagħa tan-nies waslet wara l-bieb sew.*

FONZU: ...Hemm x'il-mniegħel qed jiġri!?... Tgħid?... Magħmula tagħna! Dak l-imgħarraq tifel, Roż! Għamilhielna! Għedtlek mur żommu!...

*FONZU jiġri lejn il-bieb iżda qabel ma jilħaq jasal dan jinfetaħ u jidħol xprunat IT-TIFEL.*

*FONZU jħaffef jipprova jagħlaq warajh iżda n-nies diġà bdew deħlin, irossu u jinbuttaw fost għajat ta' "Irxoxta! Irxoxta!"*

IT-TIFEL *(jiżfen madwar it-tebut):* Ġejjin, Ma! Ġejjin! In-Nannu rxoxta! In-Nannu rxoxta!...

ROZA *(taħtfu u ttih ġo rasu):* Ja xitan l'int! Xitan!

*ll-ġirien tal-kerrejja daħlu fil-kamra - għalxejn FONZU jipprova jżommhom.*

FONZU: Fejn deħlin?! Ibqgħu hemm! Hawn jien is-sid!...

WAĦDA MILL-ĠIRIEN *(tferfer biljett tal-lottu f'idejha)*: Telgħuli! Dawk in-numri tas-Sa Kunċett - telgħuli, Roż! Miraklu! Tern bl-eniebi!

IL-GlRIEN: Miraklu! Irxoxta! Fejn hu, Roż? Ħaliina narawh, Fonz! Miraklu! Irxoxta!

FONZU *(ma jistax iżommhom):* Le! Mhux tassew! Għandkom żball! Dak mejjet! Għandi ċ-ċertifikat! Dak mejjet! Trombosi kurunarja!.. Mejjet dak!

*Issa I-FOLLA daħlet mewġa waħda fil-kamra - kulħadd idur mat-tebut – uħud jinżlu għarkobbtejhom, oħrajn jitfgħu l-fjuri - għajat ta' "Miraklu! Miraklu! Reġa' rxoxta!"*

FONZU *(kważi jokrob):* Għandi ċ-ċertifikat! Iċ-ċertifikat!...

*Tard wisq.*

*It-tromba tat-taraġ tal-kerrejja diġà mimlija; nies tilgħin, jiffullaw, jgħajtu mistagħġbin.*

*Isfel nett jidher qassis tiela' jipprova jgħaddi waqt li kulħadd iross fuqu, jgħidlu l-ġrajja tal-għaġeb.*

*Fuq, il-kamra ffullata nies, ROŻA qiegħda ddur tqassam is-santi tas-Sa Kunċett. FONZU*

*jokrob, IT-TIFEL, mistoħbi taħt is-sodda, josserva kollox, bejn jibki, bejn jidħak.*

FREDU *(iressaq wiċċu qrib lejn IX-XIĦ):* X'hemm, Zi? Hawn għadek, hux tassew?... Qed nieħu gost - bis-sod taf. Għax wara kollox, naħseb kellek raġun int. Forsi kelli nilgħabhom jien ukoll dawk in-numri wara kollox, Zi. Jien ukoll...

*IX-XIĦ, il-gwarniċ marsus fuq sidru, wiċċu maskra ta' sliem iħares 'il fuq, għajnejh magħluqa, ma jitħarrikx; qalbu iżda qiegħda tħabbat regolari u soda daqs qatt qabel - il-ħoss tagħha jitħallat mad-daqq stunat ta' "Il-Maltija"sa*

## IT-TMIEM